Vol 44
Nru 222
Ottubru - Diċembru 2023

# L-ART Imqaddsa

RIVISTA BIBLIKA



L-Art Imqaddsa

Rivista Biblika
li toħroġ kull tliet xhur
mill-Kummissarjat tal-Art
Imqaddsa tal-Provinċja
Franġiskana Maltija

EDITUR:
P. Twanny Chircop OFM
Kummissarju
tal-Art Imqaddsa

BORD EDITORJAL:
P. Marcello Ghirlando OFM
P. Noel Muscat OFM
Mr. Louis Casha

DISTRIBUZZJONI:
Fra. Lorrie Zerafa OFM

ABBONAMENT:
€10 fis-sena
€15 jew aktar Sostenitur

Kummissarjat
tal-Art Imqaddsa
8, Triq Santa Luċija,
Valletta, VLT 1213
Malta.
Tel: 2124 2254

DISINN U STAMPAR:
Best Print Co. Ltd

Il-Materjal kollu li jidher
f'din ir-Rivista
huwa Copyright ©
tal-Kummissarjat tal-Art
Imqaddsa u l-Edizzjoni
TAU, 2023

comalt@ofm.org.mt

Qoxra Quddiem:
*Il-Bażilika tal-qabar ta' Kristu kif tidher mill-Muristan*

# Werrej



6

15



27



32


*6* **Il-Knisja u Sptar ta’ San Ġwann Battista tal-Kavallieri Ospedalieri**

*15* **L-Apokalissi (1)**

*27* **Eżekjel u l-ilma ħiereġ mit-tempju**

*32* **Liema Kotba huma Mnebbħa? Il-Kanoni Tal-Bibbja**

*37* **Il-Mulej Alla bħala Karattru fin-Narrativa tar-Raba’ Evanġelju**




37

# Editorjal

ta’ Patri Twanny Chircop ofm



## IIR-RAGĦAJ TAL-LATINI FL-ART IMQADDSA

Waqt il-Konċistorju tat-30 ta’ Settembru 2023, il-Papa Franġisku ta l-berittin ta’ Kardinal lil Patri Pierbattista Pizzaballa OFM, Patrijarka ta’ Ġerusalemm tal-Latini. Pizzaballa kien Kustodju tal-Art Imqaddsa mill-2004 sal-2016. Fl-10 ta’ Settembru ta’ dik is-sena ġie ikkonsagrat Isqof bit-titlu ta’ Amministratur Apostoliku tal-Patrijarkat Latin ta’ Ġerusalemm u Arċisqof Titulari ta’ Verbe. Fl-24 ta’ Ottubru 2020 il-Papa Franġisku ħatru bħala Patrijarka ta’ Ġerusalemm tal-Latini, jiġifieri l-Isqof tal-Kattoliċi (Latini) tad-djoċesi ta’ Ġerusalemm, li tiġbor fiha l-Kattoliċi li jgħixu f’Israel, il-Palestina, il-Ġordanja u Ċipru.

Waqt diversi intervisti li sarulu Pierbattista Pizzaballa qal li hu kien apprezza l-ġest ta’ Papa Franġisku mhux għal xi mertu personali, imma bħala rikonoxximent tal-importanza tal-Knisja Omm ta’ Ġerusalemm u tal-Insara Kattoliċi li jgħixu fl-Art Imqaddsa. Qal li kien għad irid jifhem aħjar x’kellu jkun ir-rwol tiegħu bħala Kardinal.

Ftit ġranet biss wara Pierbattista Pizzaballa beda jifhem il-piż li dan it-titlu ġab miegħu. Fis-7 ta’ Ottubru d-dinja qamet maħsuda bl-aħbar li grupp ta’ terroristi tal-moviment Ħamas ta’ Gaża kienu infiltraw f’Israel u għamlu massakru min-nies ċivili u ġarrew mal-240 persuna bħala ostaġġi f’Gaża. Ir-reazzjoni tal-gvern Israeljan,

immexxi minn Benyamin Netanyahu, kienet immedjata u qawwija. L-Israeli Defence Forces invadew it-territorju ta' Gaża wara diversi ġranet ta' bumbardamenti kontinwi. Ir-riżultat kien li aktar minn nofs il-popolazzjoni ta' 2.3 miljuni, spiċċat bla dar, bla ikel, bla ilma, bla elettriku, sptarijiet imfarrkin, infrastruttura meqruda, kollox wieqaf għax ma kienx hemm iżjed żejt u petrol għall-enerġija, u aktar minn 12,000 ċivili maqtulin (ċifra tad-19 ta' Novembru 2023), fosthom numru kbir ta' anzjani, nisa u tfal. Din is-sitwazzjoni tirreferi għal meta jien qed nikteb dan l-editorjal. Ħadd ma jaf x'se jiġri fil-futur.

Il-Kardinal Pizzaballa sab ruħu quddiem din l-isfida kbira. Kull meta kien mistoqsi dwar dak li qed jiġri hu dejjem tkellem bħala ragħaj spiritwali u difensur tad-drittijiet umani tal-persuni kollha li huma vittmi innoċenti tal-konflitt, kemm l-ostaġġi u l-vittmi Israeljani, kif ukoll il-vittmi Palestinjani li huma ristretti fit-territorju ta' Gaża, li minnu ma jistgħux joħorġu. Saħansitra fis-16 ta' Ottubru l-Kardinal Pizzaballa qal li kien lest joffri lilu nnifsu bħala ostaġġ jekk dan kien ifisser li jinħelsu l-ostaġġi



*Pierbattista Pizzaballa OFM, Patrijarka ta' Ġerusalemm tal-Latini*

Israeljani u li jieqaf il-ġlied bejn iż-żewġ partijiet.

Pizzaballa mhux l-ewwel darba li kellu kuntatti f'Gaża, fejn hemm komunità ċkejkna ta' Kattoliċi li tgħix madwar il-parroċċa tal-Familja Mqaddsa f'Gaża City, parroċċa mmexxija mill-Patrijarkat Latin ta' Ġerusalemm u li fiha hemm jaħdmu s-Sorijiet tar-Rużarju u l-Missjunarji tal-Karità (Sorijiet ta' Mother Teresa). Il-knisja nbniet fl-1947 mill-Patrijarkat Latin, u magħha hemm skola li tilqa' 300 studenti u kindergarten ta' 50 tfal. Il-parroċċa tal-Familja Mqaddsa hi l-unika knisja Kattolika ta' Gaża. Sakemm qed nikteb jien, il-Kattoliċi ta' Gaża, li huma madwar 500 persuna, jinsabu rifuġjati fil-knisja u fil-kwartier Kristjan li fih hi mibnija. Dawn il-Kattoliċi tilfu djarhom u l-uniku rifuġju li fadlilhom hi l-knisja u l-iskola. Imma billi jinsabu fiċ-ċentru ta' Gaża City huma mdawrin minn bumbardamenti u issa mill-invażjoni tat-tankijiet tal-gwerra Israeljani li qed jassedjaw iż-żona, u huma neqsin mill-ħtiġijiet l-aktar bażiċi tal-ħajja. Għalkemm l-awtoritajiet militari Israeljani avżaw lill-popolazzjoni biex titlaq minn Gaża City lejn in-nofsinhar tal-iStrixxa ta' Gaża (li hi twila biss 40 kilometru), din il-komunità ta' Kattoliċi taf li mkien ma hu żgur biex taħrab u sa issa tinsab rifuġjata fil-knisja.

Bħala ragħaj tal-Knisja tiegħu l-Kardinal Pizzaballa żgur li jinsab f'sitwazzjoni diffiċli. Minkejja dan hu dejjem juri lilu nnifsu bħala raġel ta' fidi, u fl-intervisti kollha li fihom deher qatt ma kkundanna lil ebda parti fil-gwerra, imma pjuttost tkellem dwar it-tama ta' ġejjieni aħjar

li fih tinstab soluzzjoni ta’ paċi u ġustizzja għall-konflitt. Ċertament hu diffiċli li wieħed juri ottimiżmu f’din is-sitwazzjoni drammatika u tal-biża’. It-tentazzjoni hi dik li wieħed jappoġġja lil xi parti jew oħra fil-gwerra, jew li jikkundanna l-atroċitajiet li qed isiru imma mingħajr ma joffri xaqq dawl ta’ tama. Pizzaballa qatt ma beża’ jitkellem favur il-verità u l-ġustizzja. Hu dejjem wera kemm l-okkupazzjoni hi kawża ta’ mibegħda li dejjem tiżdied, u li l-ebda armi tal-gwerra ma huma se jirnexxilhom iwaqqfu l-mibegħda fil-qlub. Mill-banda l-oħra juri wkoll li kull att ta’ terroriżmu jew ta’ azzjoni militari f’isem il-liberazzjoni u s-sigurtà, ma tista’ qatt twassal għal soluzzjoni jekk tonqos ir-rieda tajba tad-djalogu.

Flimkien mal-Patrijarka Pizzaballa, anke l-Franġiskani tal-Art Imqaddsa jaħdmu kif jistgħu biex din is-sitwazzjoni tal-biża’ tintemm illum qabel għada. Tiġik ħasra tara s-Santwarji vojta mill-ġdid, wara li kienu ħadu r-ruħ wara l-pandemija. L-Insara reġgħu bla xogħol u bla għajxien, għax għalissa waqfu l-pellegrini. Il-Knisja Kattolika, rappreżentata mill-Franġiskani fl-Art Imqaddsa u mill-Patrijarkat ta’ Ġerusalemm immexxi mill-Kardinal Pizzaballa, tista’ biss ittenni l-vuċi morali tal-Papa Franġisku: il-gwerra qatt ma solviet l-ebda problema, u l-mibegħda qatt ma tista’ ġġib il-paċi u l-ġustizzja. Jalla l-komunità internazzjonali tingħaqad biex taħdem bis-sinċerità biex jintemm konflitt li ilu sejjer għexieren ta’ snin, mhux billi tipprovdi l-armamenti qerrieda lit-terroristi jew lill-armati nazzjonali, imma billi tagħmel pressjoni biex jieqaf il-ġlied ħalli ma jibqgħux isofru nies innoċenti.

Nistiednu lil kull min iħobb l-Art Imqaddsa biex jitlob għall-paċi fl-Art ta’ Ġesù. Din is-sena l-Milied f’Betleħem se jkun iċċelebrat biss bħala mument ta’ talb fin-niket, imma wkoll fit-tama li l-Prinċep tal-Paċi jitwieled fil-qlub mimlijin mibegħda u jnissel fihom sentimenti ta’ umanità. Nitolbu għall-Franġiskani li jibqgħu f’posthom fl-Art Imqaddsa anke f’mumenti diffiċli bħal dawn. Nitolbu għall-Kardinal Pierbattista Pizzaballa biex ikun ragħaj li joffri ħajtu għall-kawża tal-paċi. Ċertament li hu qed jifhem mill-ewwel il-veru sens tal-missjoni tiegħu u tal-isem ta’ Kardinal li rċieva mill-Knisja.





*Il-Knisja tar-Redentur u dehra fuq il-Muristan*

# IL-KNISJA U SPTAR TA' SAN ĠWANN BATTISTA TAL-KAVALLIERI OSPEDALIERI

*Noel Muscat ofm*

*Knejjes Antiki meqruda f'Ġerusalemm*

Faċċata tad-daħla tal-bitħa li hemm quddiem il-Bażilika tal-Qabar ta' Kristu, hemm il-Moskea ta' Omar, li nbniet mis-Sultan Ayyubid Al-Afdāl ibn Salāh ad-Dīn fl-1193 biex tfakkar il-post fejn il-Kaliff Omar ibn al-Khattāb talab quddiem il-Qabar ta' Kristu fis-sena 638, meta l-Patrijarka Biżantin Sophronios ċeda l-belt ta' Ġerusalemm. Il-minaret tal-Moskea jiddomina fuq il-kampnar tozz tal-istess Bażilika. Maġenbha, proprju faċċata tal-Bażilika, hemm bitħa li minnha titla' fil-Kappella Griega Ortodossa msejħa Ġetsemani, li fiha hi meqjuma l-ikona tat-*Theotókos* li fil-festa tal-*Koimesis tis Theotókou* (Dormizzjoni ta' Omm Alla) tittieħed fil-kripta ta' Santa Marija tal-Wied ta' Ġosafat, fejn hu meqjum il-Qabar vojt tal-Verġni Marija.

Dawn il-binjiet storiċi jinsabu fuq fejn kien hemm żewġ knejjes importanti fl-era Kruċjata, jiġifieri l-Knisja Konventwali tal-Ordni tal-Kavallieri Ospedalieri ta' San Ġwann, u l-Knisja ta' Santa Marija *Maggiore* (il-Kbira), li kienet Abbazija tas-Sorijiet Benedittini, imwaqqfa mill-merkanti Amalfitani, li fl-1048 kienu bdew jieħdu ħsieb l-isptar tal-pellegrini fiż-żona ta' quddiem il-Bażilika tal-Qabar ta' Kristu, illum magħrufa bil-kelma Torka *Muristan*, li tfisser sptar. Dan kien diġà jeżisti mill-era Biżantina bħala ospizju għall-pellegrini, u l-Imperatur Charlemagne, fis-sena 800, bi ftehim mal-Kaliff tal-Eġittu Harun al-Rashid (766-809) kien kabbru. Bil-Bulla *Pie postulatio voluntatis* tal-15 ta' Frar 1113 il-Papa Paskal II ta Regola lill-Amalfitani u waqqaf l-Ordni tal-Kavallieri ta' San Ġwann f'Ġerusalemm. Dan, kif nafu, kien il-bidu tal-Ordni Sovran Militari u Ospedalier ta' San Ġwann Battista ta' Ġerusalemm, Rodi u Malta. Fl-era Kruċjata l-Kavallieri ta' San Ġwann kellhom il-Knisja konventwali tagħhom fil-kwartier tal-isptar, proprju faċċata tal-Bażilika tal-Qabar ta' Kristu.

## L-istorja tal-Knisja u Sptar ta' San Ġwann Battista fl-era Kruċjata

L-aġġettiv "il-Ġdida" mogħti lill-Knisja ta' San Ġwann Battista ngħatalha biex jiddistingwiha mill-Knisja ta' San Ġwann il-Battista "l-Antika," li għadha wieqfa sal-lum wara l-*Muristan*, illum proprjetà tal-Patrijarkat Grieg Ortodoss, u li nbniet fl-era Biżantina.

Fis-snin 386-388 ċertu qassis Latin jismu Innocenzo kien bena Knisja ddedikata lil San Ġwann Battista fuq l-Għolja taż-Żebbuġ, wara li kien salva r-relikwi tal-qaddis minn Sebaste, meta l-qabar tal-Battista ġie desakrat fi żmien l-Imperatur Ġiljan l-Apostata. Lejn is-sena 512 Ġwann Rufus isemmi *martyrion* ta' San Ġwann li kien ilu jeżisti minn żmien il-Konċilju ta' Kalċedonja fis-sena 451. Ma nafux jirreferix għal din il-Knisja. Li nafu iżda hu li l-monasteru ta' San Ġwann li fih sar massakru mill-Persjani fl-invażjoni tas-sena 614, kien jinsab barra mill-ħitan tal-belt. Il-Lezzjunarju Gregorjan jagħtina x'nifhmu li din il-Knisja, aktar tard kienet ġiet restawrata mill-Abbati Modestos bl-għajnuna ta' San Ġwann l-Elemożinier, Patrijarka ta' Lixandra. Din il-Knisja kienet issir fiha l-festa tat-twelid ta' San Ġwann (24 ta' Ġunju) u tas-sejba tar-ras tal-Battista (26 ta' Ottubru). Jidher li, fl-era Biżantina, din kienet il-Knisja li fiha kien jiġi mfakkar it-twelid ta' San Ġwann, u mhux dik ta' Ain Karem, li għandha wkoll tradizzjoni antika. Fis-sena 808 żewġ qassisin kienu juffiċjawha. L-istorja tal-Isptar ta' San Ġwann Battista f'Ġerusalemm kienet ibbażata fuq it-twemmin li hemmhekk kien hemm id-dar li fiha l-qassis Żakkarija kien jgħix ma' Eliżabetta meta kien jaqdi t-Tempju ta' Ġerusalemm.

L-istorja antika tal-Isptar ta' San Ġwann kif jirrakkontaha l-istoriku tal-Kruċjata William ta' Tyre lejn tmiem is-seklu 12 turina kif il-merakanti Amalfitani li semmejna kienu kisbu mill-Kaliff Fatimita tal-

Eġittu l-permess li jieħdu ħsieb sptar f'Ġerusalemm biex fih jilqgħu u jikkuraw il-pellegrini Kristjani Latini li kienu jiġu jżuru l-Postijiet Qaddisa. Fl-istess kwartier tal-isptar, dejjem fiż-żona ta' quddiem il-Bażilika tal-Qabar ta' Kristu, huma bnew il-Knisja ta' Santa Marija *Latina*, li magħha kien hemm monasteru tar-rħieb Benedittini. Illum il-fdalijiet ta' din il-Knisja jinsabu inglobati fir-Redeemer Church tal-Luterani li nbniet fuq l-istess pedamenti tal-Knisja medjevali. Aktar tard twaqqaf monasteru għas-Sorijiet Benedittini ddedikat lil Santa Marija Maddalena, bil-Knisja tiegħu magħrufa bħala Santa Marija *Maggiore*, imma magħruf ukoll bħala Santa Marija ż-Żgħira (*Parva*). Billi l-pellegrini kienu dejjem jiżdiedu, l-Amalfitani ħasbu biex jibnu sptar akbar biex jikkurawhom. It-tliet istituzzjonijiet, jiġifieri l-monasteri Benedittini maskili u femminili, u l-isptar tal-pellegrini, kienu mwieżna mill-offerti li kienu jirċievu minn Amalfi dawn il-merkanti.

William ta' Trye jikteb li l-oratorju ċkejken (*oratorium modicum*) tal-isptar kien iddedikat lil San Ġwann l-Elemożinier, imma forsi jiżbalja għax ix-xhieda kollha tas-seklu 12 isemmu li l-isptar kien iddedikat lil San Ġwann Battista. Kif diġà rajna kien hemm sptar Latin assoċjat mal-Knisja ta' Santa Marija fis-sena 860, kif jgħid Bernard ir-Raħeb (Monaco), u li dan l-isptar ġie mwaqqaf minn Charlemagne, għalkemm hu possibbli li kien diġà jeżisti qabel l-invażjoni tal-Persjani tas-614, minn żmien il-Papa San Girgor I (il-Kbir). Ma nafux jekk kienx hemm rabta bejn dawn l-istituzzjonijiet li kienu jeżistu fiż-żona u l-isptar li mbagħad waqqfu l-Amalfitani. Hu probabbli li l-fatt li l-Amalfitani kisbu permessi mill-Kaliffi biex jibnu l-isptar mill-ġdid jindika li l-isptar oriġinali kien jinsab meqrud, sa minn meta l-Kaliff Al-Hākīm kien qered il-Knejjes u l-bini Kristjan ta' Ġerusalemm fl-1009.

Amatus ta' Montecassino jfakkar li kien inbena sptar f'Ġerusalemm u ieħor f'Antjokja mill-Amalfitani, immexxijin minn ċertu Mauro, li kien miet fl-1071. Meta l-Arċisqof Giovanni di Amalfi żar Ġerusalemm fis-snin 1070-82, hu ġie milqugħ min-nies ta' beltu l-Amafitani, li kienu preżenti f'Ġerusalemm u kienu bnew żewġ ospizji, għall-irġiel u għan-nisa, u kienu wkoll

*Mudell tal-Muristan – Institue of Archaeology*



jgħixu qishom reliġjużi. Dan kollu juri li kienu qrib li jiġu meqjusin uffiċjalment bħala Ordni reliġjuż mill-Knisja. Dawn l-ospizji li jsemmi l-kronista Kruċjat x'aktarx li twaqqfu ftit qabel l-1071, meta kien Kaliff Al-Mustansir. L-isptar jidher li nbena wkoll qrib il-Knisja Biżantina ta' San Ġwann Battista, li tmur lura għas-seklu 5.

Meta l-Kruċjati rebħu Ġerusalemm fil-15 ta' Lulju 1099, l-isptar ta' San Ġwann kien amministrat minn Gerardo Sasso da Scala (c. 1040 – 3 ta' Settembru 1120), li sar l-ewwel Rettur tal-Isptar tal-Ordni ta' San Ġwann, u li ġie ddikjarat Beatu fl-1984. Ir-ras tiegħu għadha sal-lum imħarsa bħala relikwa fil-Knisja tal-Monasteru ta' Sant'Ursola tas-Sorijiet Ġerosolimitani fil-Belt Valletta. Il-fdaliijet tal-Beatu Gerardo kienu ttieħdu minn Ġerusalemm ftit wara li Saladain rebaħha fl-1187. Fl-1283 kienu jinsabu f'relikwarju tal-fidda u ġebel prezzjuż, imħares fil-kappella tal-Ospedalieri ta' San Ġwann f'Manosque, fi Provenza, fejn damu sar-rivoluzzjoni Franċiża. Imma r-ras ta' Gerardo kient inġiebet Malta fl-1749. William ta' Tyre jikteb li Gerardo kien raħeb korista, għalkemm seta' kien *conversus*. Hu kien inqafel fil-ħabs u ġie ttorturat mill-Musulmani waqt l-assedju tal-Kruċjati fuq Ġerusalemm, u baqa' jsofri minn diżabilità f'riġlejh minħabba f'hekk. Jingħad ukoll li hu sofra dawn it-turmenti għax inqabad jixħet il-ħobż lill-Kruċjati minn fuq is-swar ta' Ġerusalemm waqt l-assedju, u li dawn il-ħobżiet saru mirakolożament ġebel meta resqu l-Musulmani.

Wara r-rebħa Kruċjata ta' Ġerusalemm u wara li l-Bażilika tal-Qabar ta' Kristu daħlu jgħixu fiha u juffiċjawha l-Kanoniċi Regulari ta' Santu Wistin, l-Isptar tal-Ġovanniti sar istituzzjoni indipendenti mill-monasteri Benedittini li kien hemm fil-kwartier tiegħu. X'aktarx li, fil-bidunett, kellu rabtiet kbar mal-Bażilika tal-Qabar ta' Kristu, imma bil-mod il-mod beda jiżviluppa f'istituzzjoni indipendenti. Id-Duka Godfrey ta' Bouillon, li kien mexxa l-armata Kruċjata li rebħet Ġerusalemm fl-1099, offra lill-Kavallieri xi artijiet. Dawn il-privileġġi kienu konfermati mir-Re Baldwin I fl-1112. Fl-istess sena, l-*hospitale fratrum pauperum* (l-isptar tal-aħwa foqra) ġie eżentat mill-ħlas tad-dieċmi mill-Patrijarka Arnulf u minn Evremar, l-Arċisqof ta' Ċesarija. Sadanittant l-Isptar beda wkoll jakkwista proprjetajiet fl-Ewropa, hekk li mill-bidunett, fl-1113, l-Ordni tal-Kavallieri ta' San Ġwann kellu proprjetajiet imsejħin *xenodochia* (sptarijiet) f'Saint Gilles fi Franza, kif ukoll f'Asti, Pisa, Bari, Otranto, Taranto u Messina fl-Italja. Kisbu wkoll artijiet fi Spanja.

Il-Bulla *Pie postulatio voluntatis* tal-Papa Paskal II, tal-15 ta' Frar 1113, irrikonoxxiet il-*xenodochium* (sptar) imwaqqaf minn Gerardo Sasso da Scala "maġenb il-Knisja tal-Imqaddes Ġwann Battista", u ddikjarat li l-proprjetajiet kollha tal-Ordni fl-Ewropa u l-Asja kienu jaqgħu taħt protezzjoni papali. L-isptar ġie eżentat milli jħallas id-dieċmi, kellu d-dritt li jipproduċi dak kollu li kellu bżonn fil-proprjetajiet tiegħu, u wara l-mewt ta' Gerado kellu d-dritt li jagħżel Gran Mastru ġdid mingħajr indħil ta' ħadd.

Billi l-Kanoniċi tal-Qabar ta' Kristu saru Ordni Regulari fl-1114, kienet naturali l-firda bejnhom u l-Ordni tal-Kavallieri ta' San Ġwann, u hekk l-Isptar ta' San Ġwann sar totalment indipendenti mill-Bażilika tal-Qabar ta' Kristu. Imma dan ma kienx daqshekk ċar fil-bidunett, għax l-offerti ta' nies nobbli mill-Ewropa kienu jidħlu f'isem il-Qabar ta' Kristu u l-Isptar mingħajr distinzjoni ċara, u l-fatt li l-Gran Mastru Raymond de Puy (1120-1158/60) u l-Kavallieri għażlu r-Regola ta' Santu Wistin, wassal biex dawn iż-żewġ istituzzjonijiet reliġjużi damu biex jiġu

magħrufin bħala distinti wieħed mill-ieħor.

Minkejja dan kollu, serje ta' Bulli papali, li wasslu fl-1154 għall-*Christianæ fidei religio* tal-Papa Anastasju IV, kabbru l-indipendenza tal-Ospedalieri ta' San Ġwann mill-kontroll tal-Patrijarka u l-isqfijiet. Hekk bdew il-kwestjonijiet bejn il-Gran Mastru Raymond du Puy de Provençe u l-Patrijarka Foulquier, hekk li dan sa mar għand il-Papa Adrijanu IV f'Ruma biex jikkonvinċih ħa jneħħi l-konċessjonijiet u l-privileġġi li s-Santa Sede kienet tat lill-Kavallieri. Imma l-isforzi tiegħu kienu kollha għal xejn, għax mill-1154 l-Ordni ta' San Ġwann kien meqjus bħala Ordni reliġjuż eżenti mill-ġurisdizzjoni episkopali u suġġett direttament għall-Papa.

Ma nafux eżatt kif kien l-ewwel Sptar tal-Ordni. Saewulf, li żar Ġerusalemm fl-1102-3 jgħid li kien maġenb l-Abbazija ta' Santa Marija ż-Żgħira (*Parva*), u li l-Knisja tiegħu kienet iddedikata lil San Ġwann Battista. Xhieda oħra tal-1114 tgħid li l-"isptar tal-foqra u l-morda, u l-Knisja ta' San Ġwann Battista" kienu fuq in-nofsinhar tal-Bażilika tal-Qabar ta' Kristu, ħdejn Santa Marija Latina. Meta r-Re Baldwin I miet fl-1118, qabel ma ndifen taħt il-Kalvarju fil-Bażilika tal-Qabar ta' Kristu, ittieħed għand "il-foqra ta' Kristu fl-isptar."

L-inkwiet u l-pika bejn il-Kavallieri ta' San Ġwann u l-Patrijarka ta' Ġerusalemm jitkellem dwarhom l-istoriku Kruċjat William ta' Tyre: "Quddiem il-bieb tal-Knisja tar-Risurrezzjoni, biex juru n-nuqqas ta' rispett tagħhom lejn l-istess Knisja, [il-Kavallieri] bdew itellgħu binja li kienet aktar għolja u rikka mill-Knisja li kienet ġiet ikkonsagrata bid-demm prezzjuż tas-Salvatur [...] Mhux biss, imma meta s-Sinjur Patrijarka kien imur jippriedka lill-poplu, kif kienet id-drawwa, mill-post li fih is-Salvatur tal-bnedmin ġie mdendel [...] huma kienu jippruvaw ifixklu ċ-ċelebrazzjoni tal-uffiċċji mħollija f'idejh. B'intenzjoni ħażina kienu jibdew idoqqu l-qniepen kbar fit-tul bla jaqtgħu, hekk li l-leħen tal-Patrijarka ma setax jinstema f'dak l-istorbju, u n-nies ma setgħux jisimgħuh minkejja l-isforzi tagħhom."

Dan jurina li l-kampnar tal-Knisja Konventwali ta' San Ġwann kien jinsab eżattament quddiem il-Bażilika tal-Qabar ta' Kristu. Dokument tal-1168 jikkonferma li l-Isptar kien iħares direttament fuq it-triq li kienet tgħaddi min-nofsinhar taz-zuntier (tal-bitħa ta' quddiem il-Bażilika tal-Qabar ta' Kristu).

Id-*Descriptio locorum* tal-1131-43 tiddeskrivi l-Isptar tal-Kavallieri bħala *xenodochium*, u tispjega lill-qarrejja Latini li din il-kelma Griega kienet tirreferi għal ospizju li fih jiġu milqugħin pellegrini foqra kif ukoll morda li kienu jkunu fit-toroq, biex hemm isib kenn u min jieħu ħsiebhom. Ir-rabbi Lhudi Benjamin ta' Tudela fl-1169-71 jgħid li kien hemm madwar 400 Kavallieri fl-Isptar, numru forsi esaġerat.

Johannes ta' Würzburg jagħtina l-aktar deskrizzjoni dettaljata tal-Isptar madwar is-sena 1165: "Maġenb il-Knisja tal-Qabar ta' Kristu [...] quddiemha lejn in-nofsinhar hemm il-Knisja sabiħa mibnija ad unur ta' San Ġwann Battista, li magħha hemm ukoll sptar, li fih hemm swali kbar li jilqgħu fihom numru kbir ta' morda, kemm irġiel kif ukoll nisa, li jsibu ta' kuljum kura li tqum ħafna flus. Wieħed mill-qaddejja (*servientibus*) qalli li, meta jien kont hemm, in-numru ta' morda kien ta' madwar elfejn, li minnhom xi mindaqqiet mal-ħamsin jittieħdu mejtin għad-difna bin-nhar u bil-lejl, filwaqt li l-istess numru jibqa' ġej il-ħin kollu. Dak l-isptar isostni bl-ikel numru kbir ta' nies fit-toroq daqs kemm isostni ġewwa fih, barra mill-karità bla tarf li tingħata kuljum lill-foqra li jittallbu bieb bieb [...] L-istess dar

[qaddisa] għandha ħafna kastelli mxerrdin mal-art kollha, fejn il-persuni tagħha [Kavallieri] jeżerċitaw l-arti militari biex jiddefendu lill-Kristjani mill-invażjonijiet tas-Saraċini. Maġenb l-istess Knisja ta' San Ġwann hemm kunvent tas-Sorijiet iddedikat lil Santa Marija; hu kważi jmiss mal-abside (*in capite*) tal-bini tal-imsemmija Knisja [ta' San Ġwann] u din il-Knisja tissejjaħ Santa Marija l-Kbira."

Dak li ra Johannes ta' Würzburg kien x'aktarx is-sala kbira tal-isptar, jew Sagra Infermerija, li ċertament kellha kappella li kienet ħajt ma' ħajt mal-Knisja ta' Santa Marija. Imma jista' jkun ukoll li jirreferi għall-fatt li fl-1153-55 il-Kavallieri kienu bnew Knisja Konventwali kbira ddedikata lil San Ġwann Battista, li kienet fis-sular ta' fuq l-isptar. Hekk huma setgħu jkollhom Knisja akbar minn dik Biżantina, wkoll ta' San Ġwann Battista, li għadha teżisti sal-lum fuq in-nofsinhar taż-żona tal-*Muristan*. Hu jiddeskrivi l-binja minn dik li kienet tissejjaħ it-Triq tal-Palm (li tgħaqqad il-bitħa tal-Qabar ta' Kristu ma' Khan el-Zeit, jew it-Triq tas-Suq). Matul din it-triq kienu jixirfu, mill-punent għall-lvant, tliet knejjes marbutin mal-Isptar tal-Kavallieri, jiġifieri l-Knisja Konventwali ta' San Ġwann, il-Knisja Abbazija ta' Santa Marija *Parva* u l-Knisja Abbazija ta' Santa Marija *Latina*.

Theodoric ukoll jagħti deskrizzjoni simili tal-Isptar fl-1172, u jgħid li fl-isptar kien hemm mal-elf sodda. Dokument ippublikat mir-Re Amalric fl-1174 jagħti permessi ta' bini u biex jifthu sqaq kemm lill-Kavallieri kif ukoll lis-Sorijiet Benedittini ta' Santa Marija, u joffri deskrizzjoni dwar dan il-kumpless kbir ta' bini. Jidher li l-Knisja Konventwali tal-Kavallieri kienet tinsab fl-ewwel sular fuq l-isptar, u li kienet tħares fuq il-bitħa ta' quddiem il-Bażilika tal-Qabar ta' Kristu.

Deskrizzjoni frammentarja tal-Isptar miktuba madwar l-1180 tgħidilna li l-Infermerija (*palacium infirmorum*) kienet maqsuma fi 11-il sezzjoni, li kull waħda kienet taqa' taħt ir-responsabbiltà ta' Kavallier assistit minn 12-il surġent (*clientes*). Meta jinqalgħu emerġenzi l-Kavallieri kienu saħansitra jċedu d-dormitorju tagħhom lill-morda. Kien hemm ukoll *palacium* separat għall-morda nisa, inkluża sezzjoni tal-maternità, kif ukoll orfanatrofju u kċejjen. Jissemmew ukoll Sorijiet Ospedalieri, u dan jurina li l-komunità kienet imħallta, bil-Kavallieri u bis-Sorijiet Ospedalieri li jieħdu kura tan-nisa. Kien hemm kċina għall-kunvent u oħra għall-isptar.



*L-Arkata tal-Knisja ta' Santa Maria Latina*



*Minaret tal-Moskea ta' Omar fil-post fejn kien hemm l-Isptar*

## L-istorja tal-Knisja u Sptar ta' San Ġwann Battista wara l-era Kruċjata

Meta l-Kruċjati, immexxijin minn Balian ta' Ibelin, ċedew il-Belt ta' Ġerusalemm lil Saladin fit-2 ta' Ottubru 1187, wara l-Battalja diżastruża ta' Qarne Hattin (4 ta' Lulju 1187), l-istorja tal-Isptar ta' San Ġwann Battista ma ntemmitx. Deskrizzjoni kemmxejn esaġerata tgħid li l-armata ta' Saladin dawret bi ħbula s-salib kbir li kien hemm fil-quċċata tal-kampnar tal-Knisja Konventwali ta' San Ġwann u waddbitu għal isfel, fejn is-suldati bdew jirfsu fuqu, jobżqu u fl-aħħar ġarrewh lejn il-miżbla tal-belt. Li nafu żgur hu li Saladin ordna li jitniżżlu l-qniepen mill-kampnar tal-Bażilika tal-Qabar ta' Kristu u li wieħed miż-żewġ bibien kbar tal-Bażilika jiġi mbarrat bil-ġebel (kif għadu sal-lum), u illimita l-aċċess għall-Bażilika u l-kontroll tal-bibien tagħha, li għadda f'idejn Musulmani. F'ittra miktuba minn Terricus, tal-Ordni tal-Kavallieri Templari, lir-Re Henry II tal-Ingilterra, jingħad li Saladin ippermetta li 10 Kavallieri jibqgħu fl-Isptar għal sena biex jieħdu kura tal-morda.

X'aktarx li dawn il-Kavallieri telqu minn Ġerusalemm fl-1192, għax f'dik is-sena Saladin għadda parti mill-bini tal-Kavallieri lil ibnu Malik al-Zāhīr. Fl-istess sena, Saladin biddel il-Knisja ta' Santa Marija *Parva*, li kienet tmiss mal-Knisja Konventwali ta' San Ġwann, fi sptar Musulman. Il-parti tat-tramuntana tal-binja tal-Ospedalieri, jiġifieri dik li tinsab fuq it-taraġ li jniżżel lejn il-bitħa ta' quddiem il-Bażilika tal-Qabar ta' Kristu, Saladin għaddieha lil ibnu Al-Malik al-Afdal 'Ali, fis-17 ta' Jannar 1193, u dan ikkonvertiha fil-Moskea ta' Omar, li għadha teżisti sal-lum, bil-minaret tagħha jiddomina fuq il-kampnar tozz tal-Qabar ta' Kristu.

Fl-1216-17 il-parti tan-nofsinhar tal-binja tal-Ospedalieri ingħatat lil Al-Muzaffar Ghāzī ibn al-'Adil, li għamilha Palazz

imsemmi *Zāwiyat al-Darjāh*. Il-Knisja Biżantina ta' San Ġwann Battista, iżda, ġiet mogħtija lill-Griegi Ortodossi, li semmewha bl-isem ta' *Prodomos*, isem li jirreferi għall-Battista bħala Prekursur fit-tradizzjoni Griega Ortodossa. Saħansitra l-Papa Onorju III fl-1216 u 1218 ikkonferma l-pussess tal-Knejjes ta' San Ġwann Battista u ta' San Ġorġ f'Ġerusalemm f'idejn l-Abbati tal-monasteru Ortodoss ta' Mar Theodosios qrib Betleħem.

Bejn l-1224 u l-1229, meta l-Imperatur Federiku II reġa' akkwista Ġerusalemm għall-Kristjani bi ftehim mas-Sultan tal-Eġittu, il-Kavallieri Ospedalieri setgħu jirritornaw fil-kunvent, sptar u Knisja tagħhom ta' Ġerusalemm. Fit-18 ta' Marzu 1229 l-Imperatur Federiku II innifsu żar l-isptar meta daħal fil-Bażilika tal-Qabar ta' Kristu u nkuruna lilu nnifsu Re ta' Ġerusalemm. Imma l-Knisja Biżantina ta' San Ġwann baqgħet f'idejn il-Griegi Ortodossi, kif għadha sal-lum. Meta l-Kwariżmjani daħlu Ġerusalemm fl-1244 u għamlu massakru, l-Ospedalieri kellhom jitlqu u l-proprjetà tal-Isptar reġgħet għaddiet f'idejn il-Musulmani u l-istituzzjonijiet tagħhom.

Għalkemm il-Kavallieri ta' San Ġwann tilfu Ġerusalemm u marru jirtiraw fil-kapitali l-ġdida tar-Renju Latin, Akri, fejn damu sal-1291 u ħallew ukoll bini imponenti, Knisja konventwali u Sptar, nafu li mill-bidu tas-seklu 14 l-Isptar ta' San Ġwann reġa' tħalla jiffunzjoni bħala ospizju għall-pellegrini Latini. Ludolph ta' Sudheim jikteb li, fl-1336-41 l-Isptar kien immexxi minn mara nobbli minn Sqallija, jisimha Donna Margherita, li kienet benefattriċi kbira tal-Franġiskani, għax għenet lil fra Roger Guérin minn Aquitaine biex jixtri l-proprjetà taċ-Ċenaklu fuq l-Għolja ta' Sijon, fejn il-Franġiskani waqqfu kunvent fl-1335. Ludolph ukoll jgħid li Donna Margherita kienet oħt fra Nicola, li fl-1345 kien imexxi l-Isptar u kien iħallas 500 drakmi fis-sena lis-Sultan. L-istoriku tal-Kustodja tal-Art Imqaddsa, Girolamo Golubovich, kien tal-fehma li dan fra Nicola kien il-Gwardjan tal-Għolja ta' Sijon fl-1345-48. Jidher li fis-sekli 14 u 15 l-Isptar ta' San Ġwann kien amministrat mill-Franġiskani, u Nicolò da Poggibonsi, li kien Franġiskani li żar l-Art Imqaddsa fl-1346-50, jikteb li kien qagħad fl-Isptar meta kien Ġerusalemm. Fl-1403, meta l-Kavallieri Ospedalieri kienu jinsabu fil-gżira ta' Rodi, huma għamlu trattat mas-Sultan Mamluk, al-Nāsir Nāsir al-Dīn Faraj, biex jerġgħu jakkwistaw f'idejhom l-Isptar ta' Ġerusalemm, u jibagħtu hemmhekk konslu, Kavallier Ospedalier, u numru ta' Kavallieri u Kappillani tal-Ordni. Imma dan it-trattat qatt ma ġie ratifikat, u l-Isptar baqa' taħt il-kura tal-Franġiskani tal-Kustodja tal-Art Imqaddsa.

Maż-żmien, iżda, l-binja tal-Isptar bdiet nieżla, u diversi pellegrini kienu jsibu diffikultà kbira biex joqogħdu hemmhekk. Felix Faber jikteb li fl-1480-3, meta hu kien fl-Art Imqaddsa, l-Isptar laqa' fih lil-lajċi, filwaqt li l-kleru ġie milqugħ fil-kunvent tal-Franġiskani fuq l-Għolja ta' Sijon. Mappa tal-1469-72 li tinsab Firenze turi l-Isptar bl-isem *Hospicium peregrinorum*. Jidher li l-aħħar pellegrini li qagħdu fih kienu grupp li wasal fl-1506. L-Isptar beda jiġi abbandunat bil-mod il-mod, u fl-1533 iż-żona kollha spiċċat f'idejn it-Torok Ottomani, li kienu rebħu Ġerusalemm fl-1517. Sadanittant il-Knisja Konventwali ta' San Ġwann kienet iġġarrfet u diġà Nicolò da Poggibonsi jikteb li hu raha mwaqqgħa.

Il-pellegrin Nicola de Martoni, li kien waqaf Malta u Għawdex fi triqtu lejn l-Art Imqaddsa fl-1394, jikteb li l-isptar li qabel kien tal-Kavallieri ta' San Ġwann kien binja kbira, u kienet għadha tidher sala

kbira u wiesgħa bil-kolonni fin-nofs, u b'ħafna kmamar fejn kienu joqogħdu l-pellegrini. Felix Faber, seklu wara, jgħid li s-sala kbira bil-volti kienet mitluqa u għoddha mġarrfa, u li kienet parti mill-Isptar antik u tixbah ir-refettorji tal-monasteri kbar. Isemmi wkoll il-minaret tal-Moskea li tokkupa s-sit tal-Knisja Konventwali, li kien reġa' inbena fl-1465. Meta kien Sultan l-Ottoman Sulaymān II (1520-66), li bagħat l-armata Torka kontra Malta fl-Assedju tal-1565, kwantità kbira ta' ġebel ittieħdet mill-binjiet tal-*Muristan*, fejn kien hemm l-Isptar, biex inbnew il-ħitan ta' Ġerusalemm kif narawhom illum. X'aktarx dan kien il-mument li fih tħattet għal kollox il-Knisja Konventwali ta' San Ġwann, li kien hemm fl-ewwel sular.

Mill-1870 il-Patrijarkat Grieg Ortodoss ta' Ġerusalemm, li akkwista parti kbira mill-*Muristan*, neħħa parti kbira mill-fdalijiet Kruċjati biex inbena s-suq tal-*Muristan* kif narawh illum. B'hekk inqerdet it-tifkira ta' dan il-kumpless monumentali tal-Knejjes Kruċjati li semmejna, ħlief għall-fdalijiet ta' Santa Marija *Latina*, li jinsabu taħt ir-Redeemer Church tal-Luterani, u xi partijiet oħrajn, bħal soqfa u arkati gotiċi, li għadhom jidhru fl-istess proprjetà tal-Luterani. Xi ħnejjiet ta' soqfa li forsi kienu tal-Isptar, għadhom jeżistu fil-Moskea ta' Omar. Il-minaret tal-Moskea jidhru fih ġebliet u biċċiet ta' kolonni tal-era Kruċjata. X'aktarx li l-kampnar tal-Knisja Konventwali ta' San Ġwann kien jinsab fil-qrib, ċertament faċċata tal-Bażilika tal-Qabar ta' Kristu.

L-isptar u l-Knisja ta' San Ġwann Battista ma għadhomx jeżistu, imma nafu li fdalijiet tagħhom huma inglobati f'diversi binjiet li hemm faċċata tal-Bażilika tal-Qabar ta' Kristu. Ir-rabta tal-Ordni ta' San Ġwann ma' Ġerusalemm hi waħda qawwija, għax kien proprju f'dan il-post li twieled dan l-Ordni reliġjuż u kavalleresk, b'vokazzjoni ta' kura tal-pellegrini morda u foqra, li mbagħad l-istess Ordni kompla jgħixha matul is-sekli kull fejn kien preżenti, f'Akri, Ċipru, Rodi, Malta, Ruma u llum f'ħafna postijiet oħrajn fid-dinja.

## Riferenzi

Denys Pringle, *The Churches of the Crusader Kingdom of Jerusalem. A Corpus*. Volume III. *The City of Jerusalem*, Cambridge University Press 2007, 192-201.



# L-APOKALISSI (1)

*Fr Charles Buttigieg*

*"Li Hu, u li Kien, u li għad irid Jiġi" (Apokalissi 4:8)*

## Introduzzjoni Ġenerali dwar il-Ktieb tal-Apokalissi

Il-kelma 'Apokalissi' (bil-grieg: 'apokalupsis') li biha jibda l-ktieb fil-vers 1: "Apokalupsis Iesou Christon", ġejja mill-grieg 'apo' li tfisser 'quddiem' jew 'oriġini ta' xi ħaġa' u 'kalupsis' mill-verb 'kalupto' li jfisser 'taħbi' jew 'xi ħaġa moħbija', u għalhekk il-kelma 'apokaluptein' tfisser 'toħroġ fil-beraħ, għall-manifestazzjoni dak li hu moħbi', 'tikxef il-verita' u għalhekk 'rivelare', 'manifestare qualcosa che era nascosta', 'svelamento di qualche cosa che e' nascosto e viene reso chiaro'. Din ir-rivelazzjoni (fis-singular) fl-Apokalissi teħtieġ li sseħħ malajr 'ha dei genesthai en tachei' kif naraw f'1:1-3: "Ir-Rivelazzjoni ta' Ġesù Kristu li tahielu Alla biex jgħarraf lill-qaddejja tiegħu b'dak li għandu jiġri ma jdumx. Alla bagħat lill-anġlu tiegħu jfissirha lill-qaddej tiegħu Ġwanni, li kien xhud tal-kelma ta' Alla u tax-xhieda mogħtija minn Ġesù Kristu, u ta' kulma ra b'għajnejh. Hieni dak li jaqra u dawk li jisimgħu l-kliem ta' din il-profezija u jħarsu dak li hemm miktub, għax iż-żmien qorob!" (ara ukoll Ġwanni 3:14; 'erchomai tachy', 'I will come soon', imminenza, kuntest eskatoloġiku iktar milli wieħed temporali, ara ukoll Luqa 18:8). Il-verb 'erchomai' insibuh 36 darba fi 12-il forma differenti fl-Apokalissi - kif magħruf il-ktieb fil-Vulgata u fil-lingwi latini.

F'dan is-sens għandna misteru ('mysterion', 4 darbiet fl-Apokalissi, 3 darbiet fis-sinottiċi u 21 darba f'San Pawl, bl-aramajk - 'raza) bħala realtà immensa u dinamika li tiġi mikxufa bil-mod il-mod , tikxef bil-mod is-sigriet (skont A. Solignac "l'involto nel



silenzio, poi annunciato e svelato". ara Mark 4:22: "Għax ma hemm xejn moħbi jekk mhux biex jingħaraf, u xejn ma hu mistur jekk mhux biex jinġieb għad-dawl"). U għalhekk dan is-sens ta' misteru fil-ktieb joħloq kurżita' u avventura fl-istess ħin. Il-misteru huwa dak ta' Kristu, il-Ħaruf. Għalhekk fil-ktieb hemm ħafna elementi u rikkezzi moħbija bħal: spiritwalita' għolja, temi teoloġiċi, simboliżmu u viżjonijiet ('hosa eiden', bl-ebrajk: 'marot'n).

Huwa l-ktieb tar-Rivelazzjoni (kif magħruf fil-lingwi anglosassoni; mil-latin: 'revelare'), fil-fatt dan hu l-isem proprju tal-ktieb "Rivelazzjoni ta' Ġwanni". Fil-fatt fil-kodiċi unċjali (ittri kapitali) l-'Codex Sinaiticus' tar-raba' seklu, fil-'Codex Alexandrinus' tal-ħames seklu, u fil-'Codex Ephraemi' tal-ħames seklu, it-titlu huwa 'Rivelazzjoni ta' Ġwanni'. L-Apokalissi ma jinsabx fil-'Codex Vaticanus' u fil-verżjoni tal-'Peshitta' tal-ħames seklu. Il-knisja kopta ortodossa taqra l-ktieb kollu tal-Apokalissi fil-Lejl tal-Apokalissi jew il-Ġimgħa l-Kbira. Iżda ma huwiex użat fil-liturġija ortodossa.

Għalhekk il-ktieb jittratta dwar rivelazzjoni ta' mhux sempliċiment xi ħaġa, imma rivelazzjoni tal-Misteru, ir-rivelazzjoni li hi Persuna, hija Ġesu' li jmexxi l-istorja tad-dinja, Kristu l-bidu u t-tmiem: "Għax jeħtieġ li hu jsaltan sa ma jqiegħed l-għedewwa kollha taħt riġlejh" (1 Korintin 15:25). Skont K. De Wall: "John scans the whole of history, from pre-creation to the new creation, and outlines all the twists and turns in this cosmic saga between good and evil."

Dan l-aħħar ktieb tal-Bibbja miktub minn San Ġwann l-Evanġelista għas-sena 95 A.D. (fl-aħħar ta' Domizjanu) u għalhekk jagħmel parti mill-'Corpus Ioanneum', huwa ktieb ta' valur teoloġiku kbir, b'kunċetti teoloġiċi u viżjonijiet dwar dak li ġej u dak preżenti. Huwa ktieb bi ħsibijiet għoljin ħafna u b'ħafna viżjonijiet fejn insibu iktar minn sittin viżjoni. Kristu mela huwa ċ-ċentru ta' din l-istorja tas-salvazzjoni, fejn naraw lil Kristu li qiegħed fuq il-lemin tal-Missier u s-saltna tiegħu hija rebbieħa għal dejjem, mhux iżjed bħall-imperatur u l-imperu Ruman: "Imbagħad il-ġusti jsiru jiddu bħax-xemx fis-saltna ta' Missierhom" (Mattew 13:43).

L-awtur iqis lilu nnifsu bħala profeta: "U rajt anġlu ieħor ta' saħħa kbira nieżel mis-sema, bi sħaba madwaru, qawsalla fuq rasu, wiċċu qisu x-xemx, saqajh donnhom kolonni tan-nar" (10:1). L-Ispirtu (insibuha 14-il darba fl-Apokalissi) fil-ktieb huwa meqjuż bħala dak profetiku (l-oraklu profetiku – bl-ebrajk: 'koh 'amar' – bil-grieg 'tade legei'): "U jiena nżilt f'riġlejh quddiemu u nxtħett nagħtih qima; iżda hu qalli: "Hekk le! Jiena qaddej bħalek u bħal ħutek li għandhom ix-xhieda ta' Ġesù. Il-qima lil Alla tagħtiha." Għax ix-xhieda ta' Ġesù hi l-ispirtu tal-profezija" (Apok 19:10). Hawnhekk Lancellotti jgħid li l-Apokalissi huwa superjuri għall-mudelli l-oħra apokrifi, mhux biss għall-fatt kristjan, imma wkoll għall-ispirtu li hemm fih. F'1:9: "Jiena, Ġwanni, ħukom u sieħeb tagħkom fit-taħbit u fis-saltna u fis-sabar ma' Ġesù, jien sibt ruħi fil-gżira jisimha Patmos minħabba l-Kelma ta' Alla u x-xhieda ta' Ġesù", naraw li l-awtur jikteb li rċieva dawn ir-rivelazzjonijiet kollha f'mument ta' estasi ('egenomenenpneumatisi') fuq il-gżira ta' Patmos (fiha biss 45 km kwadri; Għawdex fih 67 km kwadri u Malta fiha 316 km kwadri), sabiex juri konsolazzjoni lill-komunitajiet waqt il-persekuzzjonijiet u li Alla jintervjeni u ma jħallix id-dinja taħt il-qawwiet tal-ħażen. Huwa jindirizza din l-opra lis-seba' knejjes ta' l-Asja (differenti minn dawk li jsemmi San Injazju ta' Antijokja fejn jikteb fost l-oħrajn, lir-Rumani,

lil Magnesja u lil Trallja; għandek ukoll oħrajn bħal Ġerapoli f'Kolossin 4:13, Kolossi f'Kolossin 1:2 u Troas f'2 Korintin 2:12); u jixtiqilhom il-grazzja u s-sliem (ara 1:4). Fuq kollox huwa miktub sabiex jiġi moqri u mfisser fl-assemblea liturġika kif naraw mill-bosta sejħat kontinwi liturġiċi li nsibu fil-ktieb.

Bħall-ittra ta' Ġuda u ta' Ġakbu, l-awtur iqis lilu nnifsu bħala qaddej u qatt ma jsejjaħ lilu nnifsu bħala appostlu, kif jagħmel Pietru fl-ittri tiegħu. Erba' darbiet jgħid li huwa fl-Ispirtu 'en pneumati' f'1:10; 4:2; 17:3 u 21:10: "U ħadni fl-ispirtu fuq muntanja kbira u għolja, u wrieni l-Belt il-Qaddisa, Ġerusalemm, nieżla mis-sema mingħand Alla" ('pneuma' insibuha 24 darba fil-ktieb).

Kemm San Ġustinu li għex xi żmien ġewwa Efesu (miet 165 A.D.), Teofilu ta' Antijokja (miet 185), San Irinew ta' Lyons (miet 202), Melito isqof ta' Sardis (miet 180), Klement ta' Lixandra (miet 215), Tertulljanu (miet 230), Ippolitu ta' Ruma (miet 235), Oriġene (miet 253), Ċiprijan ta' Kartaġni (miet 258), Victorinus ta' Pettau (isqof ta' Poetouio fil-Pannonja ta' Fuq, illum Ptuj fis-Slovenja, miet fis-sena 303 taħt Djoklezjanu), Metodju ta' Olympus (miet 311), San Atanasju (miet 373), San Efrem (miet 373), San Ilarju (miet 368), San Bażilju (miet 379), u San Ambroġġ (miet 397), kollha jiktbu li Ġwanni l-appostlu huwa l-awtur tal-ktieb. Il-ktieb ukoll jinsab fil-kanoni Muratorjan tat-2 seklu. San Ġustinu jgħid: "Ukoll kien hemm fostna ċertu raġel jismu Ġwanni, wieħed mill-Appostli ta' Kristu, fir-rivelazzjoni li kellu ħabbar l-elf sena". Irinew (li kien dixxiplu ta' San Polikarpu u li dan kien dixxiplu ta' Ġwanni) jikteb: "Ġwanni dixxiplu tal-Mulej, fl-Apokalissi..."; waqt li Klement ta' Lixandra jikteb: "kif jgħid Ġwanni fl-Apokalissi".

Papija isqof ta' Ġerapoli (c. 100 A.D., li ra lil Ġwanni), skont G. Maier jgħid: "… considero l'Apocalisse come un'opera di Giovanni, apostolo e figlio di Zebedeo, che nell'Asia Minore veniva chiamato il Presbitero". Għalhekk it-tradizzjoni l-iktar antika żżomm lil Ġwanni l-appostlu bħala l-awtur u din hija 'la sola ipotesi solida' kif isostni R. Schnackenburg. C.G. Flegg tikteb: "A highly powerful argument confirming the apostolic authorship of the Apocalypse is the pastoral authority with which it is introduced and concluded. Surely, only an apostle would express such authority to the seven Churches of Asia". Is-Sinodu ta' Kartaġni fis-sena 397 jgħid b'mod ċar li l-awtur tal-Apokalissi huwa San Ġwann l-Evanġelista. L-Apokalissi huwa msejjaħ 'dewterokanoniku', għaliex kien aċċettat bħala kanoniku aktar tard. Dan il-ktieb ma kienx ġie milqugħ mal-ewwel mill-knisja tal-Lvant. Fil-fatt dan il-ktieb ma nsibuhx imniżżel la fil-lista ta' Ċirillu ta' Ġerusalemm (c. 350), la fil-Kanoni ta' Lawdiċeja u ta' Antijokja u lanqas fil-lista ta' San Girgor ta' Nażjanzenu. Krisożtmu, Teodoru ta' Mopswestja u Teodoretu ma jaċċetawhx. Mis-seklu 6 'il quddiem id-dubji fil-knisja griega bdew jonqsu u l-Apokalissi ġie milqugħ ukoll fil-kanoni grieg u bil-mod il-mod ġie fil-linja oċċidentali. F. Nietzsche ra l-Apokalissi b'mod mill-iktar żbaljat meta qal: "as the most obscene of all written outbursts, which has revenge on its conscience".

Swete jara rabta unika mal-evanġelju ta' San Ġwann bl-użu tal-preposiżżjoni 'meta' wara l-verbi 'lalein' u 'peripatein'; u 'ek' (out of) wara l-verbi 'zozein' u 'terein': "The balance of the evidence is perhaps in favour of some such relationship between the two writings. This probability is increased when we compare them from the point of view of their grammatical tendencies. There is a considerable number of unusual constructions common to the two books. The bearing of this evidence on the question of

authorship creates a strong presumption of affinity between the fourth Gospel and the Apocalypse in spite of their great diversity both in language and in thought" (ara Ġw 1:1 u Apok 19:13; Ġw 1:29 u Apok 5:6; Ġw 3:36 u Apok 22:17; Ġw 6:63 u Apok 11:11; Ġw 10:18 u Apok 2:27; u Ġw 20:12 u Apok 3:4: "Madankollu f'Sardi għandek ftit uħud li ma tebbgħux ilbieshom; huma għad jimxu miegħi lebsin l-abjad, għax jistħoqqilhom").



Il-ktieb tal-Apokalissi fih 22 kapitlu, 404 vers u madwar 10,000 kelma. Il-ġeneru letterarju tal-ktieb hija l-apokalittika, u għalhekk tagħmel minn dan il-ktieb bħala wieħed profetiku fil-Ġdid Testment li fih kliem ta' profezija ('tous logous tes propheteias', il-kelma 'propheteia' insibuha 7 darbiet fil-ktieb: 1:3; 11:6; 19:10; 22:7, 10, 18 "la profezia di questo libro", 19 "questa profezia"); bħalma Alla fl-Antik Testment jagħraf is-sigrieti tiegħu permezz tal-profeti li jagħrfu s-sigrieti moħbija ta' Jahweh. Huwa l-uniku ktieb profetiku tal-Ġdid Testment b'rabta pero' mal-apokalittika ġudajka bħal Danjel – 200 Q.K.; bħal Enok – 164 Q.K.; Ġubilej – 150 Q.K.; l-Orakli Sibillini – 150 Q.K.; Testment tat-12-il Patrijarka – 200 Q.K.; l-Assunzjoni ta' Mosè - 30 W.K.; Apokalissi ta' Abraħam - 100 W.K. u l-Ħajja ta' Adam u Eva – 50 W.K.). Hemm ukoll il-kotba tal-profeti Isaija (24:27), Ġoel, Żakkarija (kapitlu 9) u Eżekjel (kapitlu 37) li fihom wkoll siltiet tal-apokalittika. Hemm ukoll is-salmi 44; 68; 74; 79; 137 u l-ktieb tal-Lamentazzjonijiet li jirriflettu ukoll dan il-ġeneru letterarju.  Il-kapitli minn 25 sa 27 ta' Isaija jissejħu 'l-apokalissi l-kbir', waqt li f'Isaija 34-35 għandna 'l-apokalissi ż-zgħir'. Xi testi apokalittiċi fil-G.T. huma Mattew 24:1-44; Mark 13:1-31; Luqa 17 u 21:5-36 meqjusin bħala l-apokalissi sinottika. F'San Pawl siltiet apokalittiċi huma 1 Tessalonkin 4:16-17; 1 Tess 5; 2 Tess 2:1-12 u 1 Kor 15:20-28. Wara l-era biblika, nkitbu diversi kitbiet apokalittici. Din il-kitba apokalittika damet madwar sitt seklu mit-tieni seklu Q.K. sar-raba' seklu



W.K. Din il-kitba turi fuq kollox viżjoni duwalistika, tensjoni eskatoloġika u l-istennija Messjanika u mhux xi 'zombie apocalypse'. Fost l-apokalittika apokrifa nsibu ukoll: id-Dokument ta' Damasku f'Qumran, l-Apokalissi ta' Baruk, ta' Adam, l-Apokalissi ta' Elija l-profeta, ta' Esdra; u dak ta' Sofonija, l-apokalissi ta' Żakkarija, l-apokalissi ta' Salatjel, l-Apokalissi ta' Pietru (tas-sena 130) u dak injostiku, l-Apokalissi ta' Pawlu (tas-sena 380) u dak Kopt ta' Pawlu, ta' Ġakbu, l-Ewwel Apokalissi ta' Ġakbu, iż-żewġ apokalissi tal-Madonna, l-Apokalissi ta' Tumas, l-Apokalissi ta' Stiefnu, u l-Apokalissi tal-Psewdo Metodju,

L-iskop ta' din il-letteratura apokalittika li oriġinat fi żmien tal-persekuzzjoni li sofrew il-Makkabej speċjalment fi żmien Antijokju Epifanju IV hu t-tmiem ta' l-istorja ta' din id-dinja u l-ħajja li ġejja mpittra taħt simboliżmu u viżjonijiet (simboliżmu antropoloġiku, kożmiku, terjomorfiku, kromatiku u aritmetiku). Dwar dan Bauckham jikteb: "John was writing what he understood to be a work of prophetic scripture the climax of prophetic revelation, which gathered up the prophetic meaning of the Old Testament scriptures and disclosed the way in which it was being and was to be fulfilled in the last days". Għal R.E. Brown l-viżjoni apokalittika timplika: "a cosmic transformation that will result in a transition from this world to a world or era to come and a divine judgement on all"; waqt li M.J. Gorman jikteb: "apocalyptic literature expresses and creates hope by offering scathing critique of the oppressors, passionate exhortations to defiance, and unfailing confidence in God's ultimate defeat of the present evil". Skont J.J. Collins: "Apocalypse is a genre of revelatory literature with a narrative framework, in which a revelation is mediated by an otherworldly being to a human recipient, disclosing a transcendent reality which is both temporal, insofar as it envisages eschatological salvation, and spatial insofar as it involves another, supernatural world." Għalhekk mela l-kuntest ġenerali ta' l-apokalittika hu żmien ta' tbatija u ta' persekuzzjoni u allura r-rivelazzjoni ddur lejn il-ħelsien minn Alla li jġib rebħa finali

fuq il-qawwiet tal-ħażen. It-tema tal-profezija terġa' tidher fil-kapitlu 22 tal-Apokalissi. Dwar dan il-ġeneru letterarju tal-Apokalissi kien diġa' tkellem minnu l-biblista Ġermaniż Friedrich Lucke fl-1832. L-awtur juża ħafna l-Antik Testment biex juri l-awtorita' tal-messaġġ tiegħu li huwa ġej minn Alla. Dijonisju ta' Lixandra (influwenza t-tradizzjoni ortodossa) u Ewsebju ta' Ċesarija jitkellmu minn Ġwanni ieħor bħala l-awtur tal-Apokalissi, billi f'Efesu kien hemm żewġ persuni bl-isem ta' Ġwanni midfuna hemm.

Temi prinċipali f'din il-kitba huma mela l-affarijiet tat-tmiem id-dinja. Skont Vanhoye fil-ktieb hemm l-influwenza tal-ktieb ta' Eżekjel, waqt li Farrer u Sweet jitkellmu mill-ktieb Danjel li għandu l-influwenzi tiegħu fil-ktieb per eżempju 'meta tauta... ha dei genesthai meta tauta' f'Apokalissi 4:1 u 'ha dei genesthai ep' eschaton ton hemeron; ti dei genesthai meta tauta' li nsibu f'Danjel 2:28-29: "Iżda hemm Alla fis-sema li jikxef il-misteri, u li għarraf lis-sultan Nabukodonosor x'sejjer jiġri fl-aħħar jiem. Il-ħolma tiegħek u d-dehriet ta' moħħok li kellek fuq friexek huma dawn: Int, sultan, il-ħsibijiet tiegħek fuq friexek ġewk dwar x'għandu jiġri 'l quddiem, u dak li jikxef il-misteri għarrfek x'se jiġri."

Ovvjament il-ġeneru apokalittiku tal-Apokalissi jiġbor miegħu kif għidna l-ġeneru profetiku imma ukoll dak epistolari u għalhekk dawn huma t-tliet forom letterarji li proprjament jagħmlu l-ktieb tal-Apokalissi. Fih ukoll 17-il innu ('acclamatio') mhux iktar lill-imperatur 'qaddis' – 'sacratissimi' tad-dinja (Salva Roma, Salva Patria, Salvus est Germanicus, 'safe is Rome, safe is the country, because Germanicus is safe'), imma lill-Ħaruf. Insibu l-innu lil Kristu fil-bidu (1:4-7); l-innu tal-erba' kreaturi (4:8); l-innu tal-24 xiħ (4:11 u 11:17-18); l-innu tal-erba' kreaturi u tal-24 xiħ (5:9-10); l-innu tal-anġli (5:12-13 u 7:12); l-innu tal-qtajja' tal-qaddisin (7:10 u 19:1-3); l-innu qawwi fis-sema (11:5; 12:10-12; 19:5) u l-innu tas-seba' (jissejjaħ ukoll settenarju) anġli (15:3-8). Rigward dan Brunner jikteb: "In this final word which the creature may say about God, the creature exists only for God, without design, without purpose, undividedly, fulfilling its own essence by the fact that it is no longer, and needs no longer to be, anything but the perfect mirror of God's glory. Thus the hymn of praise is an end-time sign, indicating that God will one day be all in all"

Semmejna li fil-ġeneru li nsibu fil-ktieb tal-Apokalissi, jidħol ħafna s-simboliżmu qawwi ('symbollein' – tqabbel; 'sym' u 'ballo' – tpoġġi ma' xulxin) antropoloġiku, kożmiku, kromatiku dwar il-kuluri, terjomorfiku dwar l-annimali ('zoa', tinsab 20 darba) u dak aritmetiku li hu frekwenti ħafna, dan ta' l-aħħar jissejjaħ ukoll 'numeroloġija' b'rabta mat-teoloġija . Fil-fatt insibu eżattament 172 simbolu fl-Apokalissi.

Fl-Apokalissi ta' San Ġwann naraw l-idea ċentrali ta' Kristu l-Pantokrator li jmexxi lid-dinja u liż-żmien. Insibu li fis-sena 260 Victorinus ta' Pettau kien diġa' għamel kummentarju fuq l-Apokalissi. San Ġirolmu dwar l-Apokalissi jikteb: 'Apocalypsis Ioannis tot habet misteria (sacramenta) quot verba': jiġifieri 'li għandu ħafna misteri daqs il-kliem tiegħu': 'ogni parola comunica un mistero'. Jitkellem mill-prinċipiju ta' interpretazzjoni bibblika: 'scriptura su ipsius interpres', 'l-Iskrittura tiġi nterpretata biha nnfisha'. U jkompli jżid jgħid: "Parum dixi pro merito voluminis; laus omni inferior est" (too little I said for the merit of this book; all praise is inferior). Insibu ukoll il-kummentarju antik tal-Apokalissi ta' Theodulf isqof ta' Orleans 'Expositio in Apocalypsin Iohannis' li sar fis-sena 810 fl-iscriptorium tal-monasteru ta' Micy (San Mesmin) qrib Orleans fi

Franza. Biblisti esponenti tal-Apokalissi huma Lancellotti, Allo, Bocher, Fabris, Zumstein, Lenski, Mueller, Schmid, Becker, u Vanni.

Il-grieg li bih inkiteb juri li l-awtur kien ġej minn ambjent semitiku, ebrajk u dak aramajku, bħalma kien San Ġwann l-evanġelista u għalhekk tal-iskola ġovanneja (B.K. Barrett, R. Brown, A. Culpepper, G. Strecker; 'ċirku ġovannew' – O. Cullmann u 'Giovannismo' – P. Benoit) b'diversi simolanzi lessikali mar-raba' evanġelju. Fl-Apokalissi, l-awtur jgħid 4 darbiet li jismu Ġwanni, iżda qatt ma jsemmi 'lid-dixxiplu l-maħbub' li nsibu fir-raba' evanġelju. Skont Irinew jgħid li nkiteb madwar is-sena 95 A.D.: "l'Apocalisse e' stato scritto nei nostri giorni verso la fine del regno di Domiziano". Fil-fatt l-Apokalissi juri żmien ta' persekuzzjoni ħarxa u għalhekk proprju ġie miktub sabiex ifarraġ u jqawwi l-komunitajiet fit-tiġrib tagħhom u għalhekk fl-aħħar snin ta' Domizjanu (2:13, 'id-demm tal-martri'): "Jiena naf fejn int qiegħed; qiegħed fejn hemm it-tron tax-Xitan. Imma għadek iżżomm sħiħ ma' ismi u ma ċħadtx il-fidi tiegħek fija, anqas f'dawk il-jiem li fihom Antipa, ix-xhud fidil tiegħi, qatluh hemm fostkom, fejn joqgħod ix-Xitan."




Dwar l-istil, Boismard jgħidilna li l-ktieb fih simboliżmu qawwi. Skont Newport: "the greek of Revelation is under significant semitic influence, and this influence is far more than surface deep... the author of Revelation sometimes had a Hebrew or Aramaic word in mind as he wrote a Greek one". Skont Torrey it-test huwa traduzzjoni mill-aramajk, waqt li Schott isostni traduzzjoni mill-ebrajk. Lancellotti jitkellem minn strutturi grammatikali ebrajċi f'kuntesti griegi; waqt li Vanni jara: 'un certo sfondo ebraico-aramaico'. Skont Charles l-awtur jaħseb bl-ebrajk u jikteb bil-grieg. Charles hawnhekk jikteb: "La sua lingua e' diversa dal greco degli apocrifi e degli pseudoepigrafi, come anche da quello dei papiri. Nessuno documento letterario del mondo greco offre una cosi' grande abbondanza di solecismi (le sgrammaticature – ma jobdix il-grammatika). Si ha quasi l'impressione che l'autore dell'Apocalisse abbia voluto lanciare una sfida alle elementari regole della grammatica e della sintassi".

L-awtur juri li jaf it-Testment il-Ġdid, jidher li hu bniedem intellettwali u jaf il-lingwa griega fejn naraw vokabularju vast u

personalità grammatikali qawwija. Għalhekk l-Apokalissi huwa tassew oriġinali kemm fuq livell ta' personalità u kemm fl-espressjoni tiegħu. L-istil ta' l-awtur huwa eleganti u b'ordni ta' skemi li jobdu l-liġijiet tal-analisi rettorika biblika speċjalment bi strutturi kjastiċi (AB/B'A'), konċentriċi (with a centre) u kjastiċi fl-istess ħin (ABCD/x/D'C'B'A') u paralleli (AB/A'B'). Fil-fatt in-numru sebgħa (u fl-Apokalissi għandna ħafna settenarji) biċ-ċentru tiegħu n-numru erbgħa joħloq ħafna opportunitajiet għall-istrutturi kjastiċi. Lund u Farrer spjegaw li l-ktieb tal-Apokalissi huwa eleganti u kjastiku.

Xi protestanti bħal Harnack, Lohmeyer, Reuss, Deweet, u Loisy jaraw awtur ieħor għal dan il-ktieb. Skont oħrajn bħal De Wette u Reus jaraw li l-Apokalissi huwa ta' Ġwanni l-Appostlu però dan mhux l-awtur tal-evanġelju. Il-ktieb aktarx inkiteb ġewwa Efesu (wara l-eżilju ta' Patmos) lejn is-sena 95 W.K fejn juri li l-insara kienu għaddejjin minn persekuzzjoni ħarxa fi żmien l-Imperatur Domizjanu (81-96 A.D.), li sejjaħ lilu nnifsu 'dominus et deus'. Polikrate isqof ta' Efesu fis-sena 190 A.D., fl-okkażjoni tal-kontroversja dwar id-data tal-Għid, jikteb lill-Papa Vittorju u jitkellem dwar il-qabar ta' Ġwanni f'Efesu (illum Selcuk fit-Turkija). Fil-fatt fuq l-għolja Ayasoluk-Efesu (minn 'agios Theologus', 'il-qaddis teologu') hemm il-qabar ta' Ġwanni u dan huwa kkonfermat mill-istitut arkeoloġiku tal-Awstrija. Fil-ktieb, l-Imperu Ruman huwa meqjus bħala 'Babilonja fis-sakra' (ara 1 Pietru 5:13). Għalhekk bil-karattru apokalittiku tiegħu l-Apokalissi juri lil Kristu bħala l-imħallef rebbieħ u għalhekk ta' kuraġġ għall-komunità nisranija fit-tbatija tal-persekuzzjoni.

F'dan il-kuntest rajna mela l-awtur jilbes l-libsa tal-profeta (aktar milli 'appostlu' mibgħut) bħala l-bniedem ta' Alla li jrid juri l-messaġġ divin. Dwar dan W.G. Kummel jikteb: "The



Apocalypse is a book of its time written out of its time and for its time, not for the distant generations of the future or even the end time. It is an occasional writing, as much as are the epistles of the New Testament and which, therefore, as a matter of principle should be understood in relation to the history of its time".

Manuskritt mill-iktar antik tal-Apokalissi li fih is-sezzjoni 1:13-2:1 huwa l-papiru 98 tas-snin 200-250 W.K. Il-papiru 47 li fih 9:10-17:2 huwa tat-tielet seklu, u hemm l-manuskritt 0308 li fih 11:15-18. Manuskritt antik ieħor tal-ktieb li huwa tas-snin 250-350 A.D. huwa l-papiru 115 li fih il-kapitli 2 sa 15. Is-Sinodu ta' Lawdiċeja tas-sena 363 A.D. fi preżenza ta' tletin isqof, fil-kanoni sittin ma jinkludihx fil-lista tal-kononi tal-bibbja. It-traduzzjoni kopta tal-Kanoni Apostoliċi tas-sena 380 jinkludih wara l-ittra ta' Ġuda. Manuskritt antik li fih l-Apokalissi huwa l-Kodiċi Climaci Rescriptus (P. Beatty III) u hemm ukoll il-manuskritti 0169 (li fih 3:19-4:3), u 0207. Il-Papyrus 18 (jew 2786/3477) tat-3 seklu W.K., fih l-aħħar parti tal-Eżodu fuq naħa u l-bidu tal-Apokalissi (1:1-7) fin-naħa l-oħra, pero' hemm id differenti. Insibu fid-9 seklu fi Spanja l-kummentarju tal-Beatus ta' Liebana u fl-Ingilterra fil-Northumbria għandna lil Beda fit-8 seklu bil-kummentarju tiegħu dwar l-Apokalissi. Manuskritti oħra ta' importanza huma dawk tas-seklu tlettax magħrufin bħala: Morgan-Bodleian-Paris group; Metz-Lambeth group; Westminster group (Douce Apocalypse u Getty Apocalypse); Eton-Lambeth group u t-'Trinity Apocalypse'. Fil-kritika testwali għandha 9 testi varjanti.

Fuq kollox il-viżjonijiet li nsibu fl-Apokalissi ispiraw lil tant artisti matul is-sekli, fost l-iktar famużi huma l-ħmistax-il biċċa opra tal-arti ta' Albrecht Durer li għamel bejn il-1496 u 1498. 10 fil-mija tat-test tal-ktieb jinqara fil-liturġija tal-Knisja Kattolika, tal-Ħdud, fis-Solennita' ta' Kristu Sultan, Qaddisin kollha u fis-Solennita' ta' Santa Marija.

## Bibliografija


Arcari, L., *Visioni del figlio dell'uomo nel Libro delle Parabole e nell'Apocalisse*, Antico e Nuovo Testamento 19, Brescia 2012.

Backhaus, K., "Inspiration and Truth in the Book of Revelation. An exegetical comment on the Pontifical Biblical Commission's document "Ispirazione e verità della Sacra Scrittura" (2014)", in *The Biblical Annals* 8 (2018) 71-91.

Barr, D.L., *Reading the book of Revelation: a resource for students*, SBL 44, Atlanta (GA) 2003.

Biguzzi, G., *Apocalisse. Nuova versione, introduzione e commento*, I libri biblici, Nuovo Testamento 20, Milano 2005.

Boring, M.E., *Revelation*, Interpretation, Louisville 2011.

Bosetti E. – Colacrai A., *Apokalypsis. Percorsi nell'Apocalisse di Giovanni*, Assisi 2005.

Breu, C., "Female Seed as a metaphor: Queer Kinship in Revelation 12, Ancient Medical and Literary Texts and the Septuagint", in *Journal for the Study of the New Testament* (2022) 1-28.

Camerling, Y.F. et als., "A Hermeneutical study on the symbolic meaning of the number 144,000 in Revelation 7:1-7", in *Jurnal Jaffray* 19 (2021) 86-111.

Carvalho, J.C., "The Nations between the Angel and the Beast in the Book of Revelation", in *Didaskalia* 47 (2017) 43-62.

Cotro, H.A., "Could the author of Revelation step forward, please?", in *DavarLogos* 14 (2015) 71-89.

Cotro, H.A., "A tale of two cities: Rome and Babylon in Revelation", in *DavarLogos* 21 (2022) 37-68.

Dalrymple, R., *Revelation and the two witnesses: The implications for understanding John's depiction of the people of God and his hortatory intent*, Eugene (OR) 2011.

Davies, J., "Reading the Apocalypse with Christopher Nolan: Story and Narrative, Time and Space", in *Journal for Interdisciplinary Biblical Studies* 4 (2022) 42-56.

Doglio, C., *Apocalisse di Giovanni*, Padova 2005.

Fanning, B.M., *Revelation*, Zondervan Exegetical Commentary on the New Testament, Grand Rapids (MI) 2020.

Gonzalez, E., "The 'Destroyers of the Earth' in Revelation 11:8 – Who are they?", in *Davar Logos* 14 (2015) 91-107.

Gorman, M.J., *Reading Revelation responsably: Uncivil worship and witness: Following the Lamb into the New Creation*, Eugene (OR) 2011.

Graves, D., *The Seven Messages of Revelation and Vassal Treaties. Literary Genre, Structure and Function,* Piscataway (NJ) 2009.

Guthrie, D., *The Relevance of John's Apocalypse*, Grand Rapids (MI) 2012.

Jordaan, G.J.C., "Cosmology in the Book of Revelation", in *die Skruflig/Luce Verbi* 47 (2013) 1-8.

Koester, C.R., *Revelation: A New Translation with Introduction and Commentary*, New Haven 2014.

Manunza, C., *L'Apocalisse come 'actio liturgica' cristiana. Studio esegetico*. AnBib 199, Roma 2012.

Miller, R.B., "Dragon myths and biblical theology", in *Theological Studies* 80 (2019) 37-56.

Newall, M., "The Roman Arena overturned: Revelation 14:9-11 as God's wrath in history", in *The Expository Times* (2022) 1-11.

O'Hear, N. – O'Hear, A., *Picturing the Apocalypse: The Book of Revelation in the Arts over Two Millenia*, Oxford 2015.

Oladosu, O.T., - Alu, C.O., "The use of Old Testament in the Book of Revelation", in *American Journal of Biblical Theology* 17 (2016) 1-10.

Oniszczuk, J., "Composizione e messaggio della lettera alla Chiesa di Efeso (Ap 2:1-7)", in *Gregorianum* 98 (2017) 463-480.

Palmer, J.T., *The Apocalypse in the Early Middle Ages*, New York 2014.

Paul, I., *Revelation*, Tyndale New Testament Commentary, London 2018.

Peerbolte, B.J.L., "The Book of Revelation: Plagues as part of the Eschatological Human Condition", in *Journal for the Study of the New Testament* 44 (2021) 75-92.

Piazzolla, F., "La gune' dell'Ap: funzione materna e sponsale della chiesa", in *Liber Annus* 65 (2015) 351-378.

Pruszinski, G.R., "The Cognitive Phenomenology of Doors in the Book of Revelation: A Spatial analysis", in *Religions* 10 (2019) 1-14.

Punt, J., "An Apocalyptic Womb? The Great Harlot of Revelation 17-18", in *The African Journal of Gender and Religion* 26 (2020) 41-62.

Razafiarivony, D., "Is the Woman of Revelation 17 the same of Revelation 12?", in *The American Journal of Biblical Theology* 17 (2016) 1-10.

Rosell, S., "John's Apocalypse: Dynamic word-images for a new world", in *Theological Studies* 67 (2011) 1-5.

Rozek, K.B., "The Eschatological enemies of the Church: A biblical exposition of Revelation 9:1-11 and an examination of interpretations of the locusts from the abyss", in *Diligence: Journal of the Liberty University Online Religion Capstone in Research and Scholarship* 5 (2020) 1-22.

Ruiz-Ortiz, F.J., " "Battle is over, raise we the cry of

victory". Study of Revelation 19:11-21", in *Isidorianum* 29 (2020) 37-60.

Simoens, Y., *Homme et Femme, de la Genese a' l'Apocalypse. Textes – Interpretations*, Paris 2014.

Sippert, S., "Introduction to the Book of Revelation", in *Journal of Theology* 54 (2014).

Streett, M.L., *Here come the Judge: Violent pacifism in the Book of Revelation*, London 2012.

Tipvarakankoon, W., *The Theme of deception in the Book of Revelation: Bringing early christian and contemporary Thai Culture into Dialogue*, Claremont 2017.

Tzamalikos, P., *An Ancient Commentary on the Book of Revelation: A Critical Edition of the Scholia in Apocalypsin*, Cambridge 2013.

Vanni,U., *Apocalisse, libro della Rivelazione. Esegesi biblico-teoligica e implicazioni pastorali,* Bologna 2009.

Vanni, U., *Dal Quarto Vangelo all'Apocalisse. Una comunita' cresce nella fede*, Orizzonti biblici, Assisi 2011.

Van Rensburg, H.J., "All the Apocalypse a stage: The ritual function of apocalyptic literature", in *HTS Teologiese Studies/Theological Studies* 75 (2019) 1-8.

Van Rensburg, H.J., "The revelations of Revelation: The book that fits, even when it does not", in *HTS Teologiese Studies/ Theological Studies* 77 (2021) 1-12.

Warren, M.J.C., "The cup of God's wrath: Libation and early christian meal practice in Revelation", in *Religions* 9 (2018) 1-13.

Zamfir, I., "Jerusalem in motion. Images of Jersualem in the Bible and beyond", in *RES* 13 (2021) 160-174.

Zampa, G., *Il libro dell'Apocalisse nei testi della Liturgia Eucaristica della Chiesa Italina contemporanea*, Roma 2018.



# EŻEKJEL U L-ILMA ĦIEREĠ MIT-TEMPJU

*Mons Lawrenz Sciberras*

L-ilma huwa dak l-element imbierek minn Alla li jagħti l-ħajja, li jiffriska, li jiġġenera mill-ġdid, li jaħjik, li jżommok f'saħħtek. L-ilma huwa barka kbira aktar milli jista' jkun ta' dannu. Dan huwa hekk kullimkien, aħseb u ara fejn hemm is-sħana u l-ilma huwa skars. Meta tara l-ilma ċar, nadif, fiddien, jilma tipparagonah mal-fidda. L-ilma minkejja li tant drajnih u li ma natux kasu ma hemmx prezzu, jiswa daqskemm tiswa ħajjet il-bniedem.

Iżda hemm il-faċċata l-oħra ta' l-ilma wkoll. Għaliex l-ilma meta jaqa' bi kwantitajiet kbar u jsib min ifixklu, min jikkawżalu ostakli għaliex jibni addoċċ, jibni fejn mhux suppost, l-ilma jħalli warajh ħerba, diżastru jekk mhux ukoll għarar u mwiet. Din hi verità li ħadd ma jista jiċħadha.

Il-Bibbja titkellem sew mill-vantaġġi tal-ilma. Hekk l-ewwel salm: "Min iħares u jipprattika l-liġi tal-Mulej hu bħal siġra mħawla ħdejn nixxigħat ta' l-ilma u tagħmel il-frott fi żmienha, u l-weraq tagħha ma jidbielx hu jirnexxi f'kull ma jagħmel" (Sl 1,3; ara wkoll Ġer 17,8).

## L-għatba tas-santwarju

Issa l-profeta Eżekjel ikollu dehra mibnija kollha kemm hi fuq l-ilma u l-effetti pożittivi marbutin miegħu. Mhux biss imma r-riżultat ta' dan l-ilma huwa wieħed bnin tassew għaliex ħiereġ u ġej mis-santwarju tat-tempju ta' Ġerusalemm. Idur ma' dan l-ilma speċjali, l-profeta jwassal tagħlim figurattiv iva, imma reali wkoll.

Hawn wieħed ma għandu qatt jinsa ż-żmien li dan il-profeta għadda jimxi, jitħasseb u jifli sew il-kwantitajiet kbar ta' ilma tax-xmara Ewfrat fil-Babilonja. F'moħħu għalhekk dan il-bniedem eżiljat għamel il-paragun bejn il-għana, u s-sbuħija tal-Babilonja, ħdura u ħajja, paragonata man-nixfa, l-faqar u l-miżerja li ħalla warajh meta telaq minn Ġerusalemm! Dan kollu ġarrbu Eżekjel qabel ma sab ruħu wieħed fost l-eżiljati.

Interessanti għaliex il-profeta Isaija diġà kien għamel paragun bejn l-ilmijiet kbar tal-Assirja u dawk bla ħoss ta' xejn ta' Silwam: "Ladarba dan il-poplu stmell l-ilma ta' Silwam, li jgħaddi ħelu ħelu u nħall bil-biża' quddiem Resim bin Ramalija għalhekk, araw Sidi jtella' għal fuqhom l-ilma tax-Xmara (Ewfrat) kotran u qawwi, is-sultan ta' l-Assirja u l-qawwa tiegħu kollha, u togħla 'l fuq mis-swieqi kollha tagħha u taqbeż xtutha kollha; u tixtered fuq art Ġuda" (Is 8,7).

Barra dan Eżekjel seta' kien jaf ukoll x'jgħid is-Salm 46,50, jiġifieri "hemm xmara li s-swieqi tagħha iferrħu l-belt ta' Alla, l-għamara qaddisa ta' l-Għoli". Kif ukoll Ġeremija; "Għax tnejn huma d-dnubiet tal-poplu tiegħi, telqu lili l-għajn ta' l-ilma ġieri biex ħaffru bjar għalihom, bjar miksura li ma jżommux ilma" (Ġer 2,13).

U ma dawn hemm ukoll Ġoel li fil-fantasija qawwija tiegħu jimmaġina ilma kotran ġej minn dar il-Mulej: "U l-widien kollha ta' Ġuda ifuru bl-ilmijiet. U minn dar il-Mulej tnixxi għajn li ssaqqi Wied Sittim" (Ġoel 4,18b). Issa Wied Sittim aktarx li huwa biċċa mill-wied ta' Kedron, fuq xlokk il-lvant ta' Ġerusalemm minn fejn jibda l-wied biex minnu jgħaddi l-ilma li ra ħiereġ Eżekjel minn taħt il-għatba tas-santwarju tat-tempju. Dan il-wied jissejjaħ il-wied tal-Kedron.

## Ix-xena ta' Eżekjel

B'dan il-kuntest ta' ilma f'moħħ Eżekjel, dan il-profeta jkompli jagħti ħarsa u effett aktar bnin u ċar ta' l-ilma ħiereġ mis-santwarju. Eżekjel iqiegħed ħafna l-ġrajja ta' l-ilma abbundanti f'kuntest preċiż ħafna. Isemmi s-santwarju, il-bieb, l-għatba u saħansitra l-pożizzjoni, direzzjoni lejn il-lvant. Fil-fatt l-faċċatta tal-maqdes ta' Ġerusalemm kienet tħares lejn il-lvant. Dan kien hemm skop



għaliex hu hekk, biex hekk kif ix-xemx titla' u tidher minn wara l-muntanji ħomor ħomor tal-Moab, l-ewwel raġġi tagħha jaqgħu fuq il-faċċata tat-tempju. Din kienet toħloq atmosfera ta' dawl jilma mal-faċċata imponenti. Ta' min ikompli jfakkar li l-Orjent huwa post id-dawl, fil-għodu jisbaħ kmieni ħafna.

Fl-immaġinazzjoni tiegħu, l-profeta jara l-ilma ħiereġ minn taħt l-għatba tas-santwarju. Dan mela ifisser ilma speċjali, ilma li għandu ċerta qawwa fih; u dan għaliex dan l-ilma kien ħiereġ mis-santwarju, mela mill-post l-aktar qaddis u għażiż tat-tempju. Il-post fejn kien hemm miżmuma b'għożża kbira l-arka tal-patt.

U fejn hu sejjer dan l-ilma? Hawn sewwa li nfakkru fid-diżlivell li hemm bejn it-tempju li qiegħed Ġerusalemm u l-Baħar il-Mejjet. Il-belt il-qaddisa qiegħda madwar 750 metru fuq il-livell tal-Mediterran, fil-waqt li l-Baħar il-Mejjet hu 393 metru taħt il-livell tal-Mediterran. Mela l-ilma ġieri li joħroġ mis-santwarju jaqbad l-ewwel parti tal-Kedron, jibqa' igelgel 'l-isfel jasal sa Għajn Għeddi u jkompli sa Għajn Għeglajm u jispiċċa fil-Baħar il-Mejjet. Marbutin maż-żona tal-Baħar il-Mejjet jissemmew lista ta' dnubiet koroh u kontra in-natura, flimkien ma l-ibliet ta' Sodoma u Gomorra (Ġen 19).

## Flora u fawna

Issa minn kull fejn jgħaddi dan l-ilma, l-profeta qed jara bidla kbira ħafna, kemm fil-prodotti li se tipproduċi l-art minħabba t-tisqija, kif ukoll fil-bidla fenomenali ta' l-ilma mielaħ u salmastru f'ilma ħelu, mela l-ilma li jagħti l-ħajja. Biex wieħed jaqbad u jifhem sew din il-bidla grazzi dejjem għall-ilma, wieħed għandu jiftakar kemm id-deżert tal-Ġudea huwa wieħed niexef, ħami u morr. F'dan ir-reġjun ix-xita hija nieqsa ħafna u ma jikber xejn.

Il-profeta issa qed ibassar xi ħaġa li xejn ma huwa faċli li tifhimha u taċċettaha. Jara kotra kbira ta' ħut. Issa hawn wieħed għandu jiftakar li fil-Baħar il-Mejjet assolutament ma jgħixx xejn. Ilma morr, mielaħ, tqil u żejtni. Imma Eżekjel qed jara l-ħut u dan bi kwantità, mela se jkun hemm ukoll is-sajjieda bix-xbieki tagħhom lesti għall-qbid ta' dan il-ħut (Eżek 47,10).

Barra l-ħut Eżekjel jitkellem ukoll fuq is-siġar. Dawn qegħdin fuq kull ġenb tax-xmara, mela jikbru għax għeruqhom fl-ilma u jagħtu l-frott ta' kull kwalità. Ukoll grazzi dejjem għall-ilma dawn is-siġar jagħmlu frott kull xahar, mela f'sena tnax-il darba. Barra l-frott il-weraq, tagħhom ma jidbielx għaliex imsoqqi minn dak

l-ilma speċjali tat-tempju. Riżultat ta' dan hawn forma ta' ġenna fuq din l-art.

Dan l-ilma ħiereġ minn taħt l-għatba tat-tempju bi kwantità kbira tassew tant li wasal f'punt għoli li kont tista' tgħum fih. Skont Dom Henry Wansbraugh OSB "A Year with the Bible" pġ 201, jgħid li kull ħames mitt metru, l-ilma kien jogħla b'nofs metru u dan sakemm wieħed ma setax jaqsam aktar. Dan huwa tassew riżultat straordinarju grazzi għall- ilma ħelu li gelgel minn taħt il-għatba tas-santwarju.

Din hija dehra mimlija iva simboli, imma kollha kemm huma dawn is-sinjali jwasslu messaġġ preċiż u dirett. Eżekjel irid iwassal u juri l-abbundanza u l-barkiet ħierġa mis-santwarju tat-tempju. Dan kollu ġej mill-ilma tajjeb u frisk . Dan huwa s-sens letterarju proprju: Dan seta' iva ġara imma wkoll probabbilment ma ġarax.

## Sens spiritwali

Fit-Testment il-Ġdid hemm ukoll ġrajja li taħt ħarsa spiritwali għandha l-għeruq tagħha f'din id-dehra ta' Eżekjel. Fil-kalendarju tal-Lhud hemm il-festa tal-Għerejjex. Jum f'din il-festa jissejjaħ il-jum ta' l-ilma. Dan għaliex dawk li jieħdu sehem fil-festa, jitilqu mill-bitħa tat-tempju, jinżlu ħdejn l-għajn ta' Silwam, jimlew l-ilma fil-bwieqi li jkollhom f'idejhom, ta min żgħar u ta' min kbar, u jirritornaw lejn l-artal. Waqt din il-purċissjoni ikantaw is-salmi tat-telgħat. Imbagħad b'rispett iferrgħu l-ilma fuq u f'riġlejn l-artal tas-sagrifiċċju. Dan kien ifisser jirringrazzjaw 'l Alla għall-istaġun tal-biedja li għadda u jitoblu biex Alla jibgħatilhom xita f'waqtha. Din il-festa tal-Għerejjex tiġi ċċelebrata matul l-ewwel ħmistax il-ġurnata ta' Ottubru.

Skont l-evanġelist San Ġwann Ġesù kien qiegħed Ġerusalemm fit-tempju jara n-nies jiċċelebraw il-festa tal-Għerejjex. Ġesu kien qed jarahom ukoll isawbu l-ilma fuq l-artal. Tant li f'mument minnhom "Ġesù qam jgħid b'leħen għoli; Min jieħdu l-għatx jiġi għandi u jixrob. Kif tgħid l-Iskrittura min jemmen fija, minnu joħorġu xmajjar ta' ilma ħaj" (Ġw 7,38). Mela hawnhekk ukoll jidher forma ta' xebh bejn l-ilma ħiereġ minn taħt l-għatba tat-tempju u l-ilma f'din il-festa tal-Għerejjex.

It-tieni xebh u li jagħtihulna wkoll San Ġwann qiegħed fl-ilma li ħareġ minn ġenb Ġesù waqt li kien ġa miet fuq is-salib. Meta Ġesù keċċa l-bejjiegħa mit-tempju u l-kapijiet staqsewh b'liema setgħa jagħmel dan, Ġesù irrefera għat-tempju. Imma l-evanġelista Ġwanni



jikkonkludi hekk: "Iżda hu tkellem fuq it-tempju tal-ġisem tiegħu" (Ġw 2,21).

Issa dan it-tempju veru jinsab mislub, anzi diġà mejjet. Ħabta u sabta joħroġ suldat u jinfed ġenb Ġesù b'daqqa ta' Lanza. Ix-xhud okulari jkompli hekk: "U minnufih ħareġ demm u ilma" (Ġw 19,34). Mela t-tempju li tkellem minnu Eżekjel u li ħareġ l-ilma huwa simbolu ċar ta' Ġesù, tempju ħaj u minkejja li issa mejjet imma li minn ġenbu ħareġ l-ilma.

Hemm xebh ieħor bejn minn fejn ħareġ l-ilma tat-tempju ta' Ġerusalemm u minn fejn ħareġ l-ilma ta' Ġesu. Eżekjel jgħid li l-ilma kien ħiereġ min-naħa tal-lemin tat-tempju (Eżek 47,1). Issa l-evanġelista Ġwanni ma jgħidx liema naħa s-suldat nifed ġenb Ġesu, jekk hu lemin jew xellug. Imma mir-riżultat xjentifiku li ħareġ mill-liżar ta' Turin, immarka li ħareġ kwantità kbira ta' demm minn ferita fonda fuq innaħa tal-lemin ta' min kien imkeffen fil-liżar. Fil-każ speċifiku tagħna kien Ġesu ta' Nazaret.

Mela anke hawn wieħed jara tipoloġija l-aktar preċiża dwar minn liema naħa ħareġ l-ilma kemm tat-tempju ta' Ġerusalemm mil-lemin kif ukoll tat-tempju l-ġdid, u ħaj indendel mas-salib Ġesu ta' Nazaret.



# LIEMA KOTBA HUMA MNEBBĦA? IL-KANONI TAL-BIBBJA

*Marcello Ghirlando*

Mhux l-ewwel darba li waqt xi diskussjoni fuq ir-radju jew it-televiżjoni issir il-mistoqsija dwar liema kienu r-raġunijiet li l-Knisja għamlet għażla bejn diversi kitbiet kważi kontemporanji biex sawret il-lista tal-Kotba Mqaddsa. Għax kitba iva u l-oħra, simili ħafna, le? Dan sar bla ebda kriterju serju, jew kif igħidu xi kultant, il-Knisja riedet taħbi jew twarrab kitbiet kontroversjali? Naħseb li tajjeb li wieħed jerġa' jara ftit għaliex il-Knisja tal-bidu għamlet l-għażliet tagħha rigward l-Iskritturi. Għalhekk irridu nitkellmu minn dak li jissejjaħ 'il-Kanoni tal-Bibbja'.

Xi tfisser il-kelma 'kanoni' jew kanoniċità tal-kotba tal-Bibbja? Għaliex ċertu kotba tal-Bibbja jissejħu 'proto-kanoniċi' u oħrajn 'dewtero-kanoniċi'? Xi jfisser l-istess titlu ta' dan l-artiklu, 'il-Kanoni tal-Bibbja'?

Meta ngħidu 'kanoni bibliku' irridu nfissru l-lista sħiħa tal-kotba li flimkien jiffurmaw il-Bibbja. Hija l-lista sħiħa tal-kotba bibliċi li nemmnu li ġew imnebbħa minn Alla. Il-kelma 'kanoni' ġejja mill-grieg *kanon*, li kienet tindika qasba li permezz tagħha kienu jieħdu l-qisien. Meta napplikawha l-Bibbja jfisser li nkunu qegħdin 'nqiesu' l-kotba u bil-qjies li nużaw nikkunsidrawhom bħala ispirati, mela li jistgħu jitqiesu bħala Skrittura Mqaddsa.

Il-kotba bibliċi li jissejħu 'proto-kanoniċi' huma dawk il-kotba li dejjem ġew meqjusin mill-Knisja bħala li huma ispirati. Dawk li jissejħu 'dewtero-kanoniċi' huma l-kotba li seta' kien hemm xi dubju fil-bidu rigward l-ispirazzjoni tagħhom, imma li mbagħad ġew meqjusa bid-dritt kollu bħala ispirati, mela bħala parti mill-Iskrittura Mqaddsa. Dawn huma l-Ktieb ta' Tobit, ta' Ġuditta, l-Ewwel u t-Tieni Ktieb tal-Makkabin, ta' Baruk, Bin Sirak u l-Ktieb ta' l-Għerf, flimkien ma' xi siltiet mill-kotba ta' Ester u Danjel. Dawn għal Antik Testment. Il-kotba tal-ġdid Testment li huma dewtero-kanoniċi huma l-Ittra lil-Lhud, ta' Ġakbu, Ġuda, it-Tieni Ittra ta' Pietru, it-Tieni u t-Tielet Ittra ta'San Ġwann u l-Apokalissi. Interessanti ninnutaw li l-Lhud, ix-Xhieda ta' Ġehovah u l-Protestanti ma jammetux l-ispirazzjoni tal-kotba dewtero-kanoniċi.

Ktieb tal-Bibbja huwa meqjus kanoniku jekk jiġi magħruf li huwa ispirat, jiġifieri li ġie mnebbaħ minn Alla fil-formazzjoni u l-kitba tiegħu. Hija r-rivelazzjoni divina li trid turina jekk ktieb huwiex imnebbaħ minn Alla jew le. Issa nafu li r-rivelazzjoni tinsab fl-Iskrittura u t-Tradizzjoni ħajja tal-Knisja. Ġaladarba qed nistaqsu fuq l-ispirazzjoni ta' l-Iskrittura rridu ta' bilfors induru fuq it-Tradizzjoni biex nifhmu għaliex ktieb tal-Bibbja huwiex kanoniku jew le. Fil-fatt, id-Dokument fuq ir-Rivelazzjoni Divina (Dei Verbum 8) tal-Konċilju Vatikan II ifakkarna li hija l-istess Tradizzjoni li tgħarraf lill-Knisja l-kanoni tal-Kotba Mqaddsa.

## Ħarsa lejn l-Antik Testment

Il-Lhud kienu jaqsmu l-Bibbja tagħhom fi tliet partijiet prinċipali. Il-Ligi, jiġifieri l-Pentatewku, li huma l-ewwel ħames kotba ta' l-Antik Testment u meqjus bħala tali fi żmien Eżdra u Neħemija. Il-Profeti, parti li kienet tiġbor fiha mhux biss il-kotba profetiċi imma kotba bħalma huma dawk ta' ġozwè, il-Kotba ta' l-Imħallfin, ta' Samwel, tas-Slaten. Din il-parti kienet magħrufa diġà lejn is-sena 180 QK meta nkiteb il-Ktieb ta' Bin Sirak (ara: 46:1 – 49:12). It-tielet parti kienet dik imsejħa Kitbiet, parti li fiha kienu jinġabru l-kotba tas-Salmi, Proverbji, Ġobb, l-Għanja ta' l-Għanjiet, Rut, Koħelet, Lamentazzjonijiet, Ester, Danjel, Eżdra u Neħemija u l-Kotba tal-Kronaki.

Il-kotba dewtero-kanoniċi ta' l-Antik Testment, li

semmejna ftit aktar 'il fuq, ma ġewx inklużi fil-kanoni (lista uffiċjali) tal-kotba mqaddsa tal-Lhud f'Ġerusalem. Imma ġew inklużi fil-lista uffiċjali tal-Lhud li kienu jitkellmu bil-grieg, per eżempju f'Lixandra, fl-Eġittu, fejn saret it-traduzzjoni għall-Grieg tal-kotba bibliċi f'dik il-verżjoni li tissejjaħ 'tas-sebgħin' (*Septuaginta/LXX*) u li saret fit-tieni seklu qabel Kristu.

Huwa probabbli li l-Lhud ta' Ġerusalemm ma daħħlux dawn il-kotba għaliex kienu jemmnu li ktieb huwa qaddis, imnebbaħ minn Alla, jekk biss kien miktub bl-Ebrajk u kellu wkoll ikun miktub fl-art imqaddsa! Għalhekk ħallew id-dewtero-kanoniċi barra mil-lista uffiċjali, mill-kanoni tagħhom.

## It-tradizzjoni divino-appostolika u l-Antik Testment

Mill-kitbiet tal-Ġdid Testment nindunaw mal-ewwel li l-Appostli laqgħu l-kanoni sħiħ ta' l-Antik Testment, anke dawk il-kotba dewtero-kanoniċi. Huma użaw il-verżjoni Griega (LXX) ta' l-Antik Testment meta kkwotaw vrus fil-Vanġeli u fl-Ittri mid-diversi kotba tal-kanoni Lhudi. U din il-prassi ta' aċċettazzjoni tal-kotba kollha ta' l-Antik Testment baqgħet l-istess anke fl-ewwel sekli ta' l-istorja tal-Knisja. Xhud għal dan huma, per eżempju, il-graffiti u t-tpinġijiet li nsibu fuq il-ħitan tal-katakombi, li jġibu ġrajjiet bibliċi meħuda mill-kotba dewtero-kanoniċi. Minkejja xi dubji żgħar, allura jidher ċar li l-Knisja, sa mill-bidu – u din hija din li qed insejħulha t-tradizzjoni divino-appostolika – aċċettat bħala ispirati, bħala kanoniċi, il-kotba kollha li flimkien inqegħduhom taħt it-titlu ta' l-Antik Testment. Il-kanoni ta' l-Antik Testment ġie magħruf uffiċċjalment fil-Konċilju ta' Ippona fisena 393, fejn tkellem anke



Santu Wistin, fil-Konċilju ta' Firenze, fis-sena 1441 u fl-aħħarnett fil-Konċilju ta' Trentu, fis-sena 1546.

### Ħarsa lejn il-ġdid Testment

Ovvjament li ma jistax ikollna dikjarazzjonijiet diretti tal-Knisja appostolika fuq il-kanoni tal-ġdid Testment. U dan għaliex kien proprju ż-żmien li fih kienu qed jiffurmaw ruħhom il-Vanġeli u l-kitbiet l-oħra tal-ġdid Testment! Interessanti li nsibu aċċenn ċkejken fit-Tieni Ittra ta' Pietru 3:15-16, fejn l-awtur iqis il-kitbiet ta' San Pawl fuq l-istess livell ta' l-Iskrittura Mqaddsa: "Hekk ukoll kitbilkom Pawlu, ħuna l-għażiż, skont l-għerf li ngħata lilu. Hekk kiteb fl-ittri kollha tiegħu, li fihom tkellem fuq din il-ħaġa. Dawn l-ittri fihom ħwejjeġ tqal biex wieħed jifhimhom, u dawk li ma jifhmux u li mhumiex sħaħ biżżejjed ifissruhom ħażin għat-telfien tagħhom stess; hekk jagħmlu wkoll mill-kotba l-oħra ta' l-Iskrittura".

Jekk mela l-ewwel seklu ta' l-istorja tal-Knisja ma jagħtiniex ħjiel fuq il-karattru sagru tal-kotba kollha tal-ġdid Testment, irridu ta' bilfors naraw kif it-tradizzjoni divino-appostolika tidher fil-kitbiet ta' Missirijiet il-Knisja. Sas-sena 175 WK, dak li jitqies bħala l-perijodu tal-Missirijiet appostoliċi u l-ewwel apoloġisti, anke jekk ma nsibux xi katalogi jew listi tal-kotba tal-Ġdid Testment, malajr nindunaw li ma kienx hemm dubji rigward l-karattru sagru ta' dawn il-kotba u l-kitbiet. Il-fatt li dawn il-kittieba kkwotaw spiss mill-kotba kollha tal-Ġdid Testment jurina li fil-fatt kien jeżiżti diġà kanoni tal-ġdid Testment.

Bejn is-snin 175 u 450 WK jidher li kien hemm xi dubji rigward xi kotba tal-ġdid Testment. Per eżempju, li jissemma ġeneralment huwa dak li jissejjaħ il-Kanoni Muratorjan li jmur lura għas-sena 180: fih mhemmx l-Ittra lil-Lhud, l-Ittra ta' ġakbu u t-Tieni Ittra ta' Pietru. Imma meta wieħed jeżamina dawn id-dubji jinduna li dawn ma kenux ħafna, u daqqa jmissu lil xi ktieb u daqqa lill-ieħor. Id-dubji jistgħu jiġu spjegati għaliex il-Knisja kienet għadha ma ddikjaratx uffiċċjalment liema kienu l-kotba li kellhom jitqiesu bħala parti mill-kanoni tal-ġdid Tesment. Barra minn hekk, peress li xi ittri kienu qosra u jidhru li ma kellhomx xi duttrina profonda, bħal per eżempju it-Tieni u t-Tielet Ittra ta' Ġwanni, kien hemm min skarthom u ma tahomx importanza. Hekk ġara xi kultant għal xi kitbiet li bdew jiġu sfruttati mis-setet li kienu waqgħu fl-ereżija. Li huwa ċert huwa l-fatt li l-kotba kollha kienu jitqiesu bħala ispirati għaliex kien hemm Missirijiet kbar tal-Knisja li nqdew bihom fil-kitbiet tagħhom u dan neħħa kull dubju fuq anke dawk il-kotba li ssejħu dewtero-kanoniċi.

Mis-sena 450 'il quddiem il-Knisja laqgħet il-kotba kollha li hemm illum fil-ġdid Testment. Saru kollha parti mill-Kanoni tal-ġdid Testment u tqiesu bħala ispirati u normattivi. Dan ġie konfermat uffiċċjalment fil-Konċilji ta' Ippona, Firenze u Trentu.

### Kriterji serji u validi

It-tradizzjoni divino-appostolika li wettqet il-Kanoni tal-ġdid Testment ovvjament ma nbnietx fuq xi kriterji banali. Din it-tradizzjoni ġiet imsejsa fuq kriterji serji u validi. Liema kienu dawn il-kriterji? Liema kienu r-raġunijiet li fuqhom il-Knisja wettqet il-Kanoni tal-Ġdid Testment?

Wieħed mill-kriterji l-aktar importanti kien li l-ktieb jew il-kitba meqjusa bħala ispirata kellu jkollha oriġini appostolika. Mela kienu jiġu kkunsidrati bħala kanoniċi dawk il-kotba/kitbiet li kienu jmorru lura għal żmien l-appostli jew il-kollaboraturi stretti

tagħhom, bħalma kienu San Mattew u San Luqa. Fil-fatt, il-kanoniċità tal-Ktieb ta' l-Apokalissi u ta' l-Ittra lil-Lhud, inqalgħu dubji fuqhom għax ma kenux ċerti jekk dawn kenux il-frott ta' Ġwanni u Pawlu jew almenu tal-kollaboraturi stretti tagħhom.

Kriterju ieħor importanti kien dik li nsejħulha 'l-ortodossija', jiġifieri li l-kontentut tal-kotba/kitbiet jaqbilx jew le mal-predikazzjoni u x-xandira awtentika fuq Ġesù Kristu, fuq il-ħajja tiegħu, il-messaġġ sħiħ tiegħu. Kien anke fuq dan il-kriterju, per eżempju, li dawk il-kitbiet imsejħa apokrifi, ġew skartati.

It-tielet kriterju huwa dawk tal-kattoliċità tal-kitbiet, jiġifieri li dawn kienu jintużaw fil-liturġija u jitqiesu bħala ispirati mill-knejjes partikulari kollha, jew almenu kollha. Dawk il-kitbiet li kienu jintużaw minn xi knisja jew uħud mill-knejjes twarrbu mill-kanoni u mhux meqjusa bħala ispirati.

Ma' dawn il-kriterji rridu nżidu li aħna nemmnu li f'dan il-proċess ta' definizzjoni tal-Kanoni Bibliku l-Knisja kienet megħjuna wkoll mill-Ispirtu s-Santu. Fil-fatt, aħna nemmnu wkoll, li l-Ispirtu s-Santu jkompli jgħin u jmexxi lill-Knisja biex tħares dan id-depożitu appostoliku bil-fedeltà kollha. Igħinha mhux biex tħares dan it-teżor ġej mill-appostli, imma jmexxiha biex tinterpretah għall-ħajja tal-lum.

Forsi hu proprju għalhekk li d-Dokument fuq ir-Rivelazzjoni Divina (Dei Verbum 21) jistqarr: "Flimkien mat-Tradizzjoni qaddisa il-Knisja dejjem żammet u tibqa' żżomm l-Iskrittura bħala r-regola suprema tal-fidi tagħha".

Għal aktar tagħrif bil-Malti: ABELA A., *Kelmet Alla f'Kitbiet il-Bniedem*, Ed. Tau 1990, 71– 85; SCHEMBRI G., *Kors ġdid IL-BIBBJA, Tagħrif dwar il-Kotba Mqaddsa*, Ed. Tau 2003, 6 – 8; SPITERI D., *Il-Kanoni tal-Kotba Mqaddsa, Enċiklopedija Biblika*, Media Centre 2003, 7 – 14.



# IL-MULEJ ALLA BĦALA KARATTRU FIN-NARRATIVA TAR-RABA' EVANĠELJU

*Rev Dr Martin Micallef OFMCap*

L-Evanġelju skont San Ġwann mhuwiex sempliċiment narrattiva dwar il-ħajja ta' Ġesù li terraq bejn il-Galilija, is-Samarija u l-Lhudija. Permezz ta' din narrattiva, l-awtur pjuttost jipprova jipperswadi lill-qarrejja li Ġesù huwa l-Messija, l-Iben ta' Alla.[1] Kull karattru li jissemma f'din in-narrattiva huwa parti minn din l-istrateġija. Dan jinkludi l-karattru ta' Alla/il-Missier muri bħala dak li jħobb lid-dinja, li ta lil-Ibnu u li bagħat lil Ibnu fid-dinja biex jagħti l-ħajja lil dawk li jemmnu.[2] F'dan l-istudju se naraw kif il-mod li bih jiġi ppreżentat Alla bħala karattru f'dan l-Evanġelju jservi biex jawtentika t-tagħlim ta' Ġesù u biex jassoċja lil Ġesù ma' Alla ta' Abraham, ta' Iżakk u ta' Ġakobb.



## Erba' karatteristiċi ewlenin

Waħda mill-akbar sfidi li niltaqgħu magħha hekk kif nibdew naqraw u nistudjaw l-Evanġelju skont San Ġwann hija l-preżentazzjoni ta' Alla. Dan minħabba li f'din in-narrattiva, Ġesù wkoll huwa msejjaħ kemm "il-*Logos*" kif ukoll "Alla." Dan ifisser li b'xi mod irridu niddistingwu il-lingwaġġ li jitkellem mill-Missier u mill-Iben.[3]

Ix-xbieha ewlenija ta' Alla/il-Missier fir-Raba' Evanġelju hija dik ta' xi ħadd li qed jibgħat lil xi ħadd ieħor. Dan narawh mill-Prologu sar-rakkonti li jwassluna għall-qawmien u d-dehriet ta' Kristu.[4] Hemm imbagħad ix-xbieha ta' Alla/Missier li jħobb.[5] Huwa fi Ġw 3:16 biss li Alla hu deskritt f'relazzjoni ta' mħabba. Mill-bqija huwa "il-Missier" li jħobb, lill-Ibnu jew dawk li jħobb l-Iben. It-tielet Alla/Missier huwa muri bħala dak li jagħti, b'mod speċifiku lil Ġesù.[6] Fl-aħħar, Alla hu muri bħala dak li jitkellem, jikkmanda jew jgħallem.[7] Ma nistgħux ngħidu li din hija xi lista sħiħa tal-karatteristiċi tal-persuna ta' Alla f'dan l-Evanġelju, hekk kif hemm affarijiet oħra li jissemmew darba jew darbtejn biss. Hekk pereżempju li Alla hu spirtu;[8] li l-Missier jistħoqqlu qima;[9] li l-Missier jiġbed persuni lejn l-Iben;[10] u l-Missier iqaddes/jikkonsagra.[11] F'dan kollu, ninnutaw kif Alla bħala karattru f'dan l-Evanġelju għandu karatteristiċi umani, xi ħaġa li diġà nsibuha fil-paġni tat-Testment il-Qadim.

## Alla li jibgħat

Fir-Raba' Evanġelju, Alla jissemma għall-ewwel darba fil-Prologu, hekk kif fi Ġw 1:6 naqraw li Alla bagħat lil Ġwanni (il-Battista) biex ikun xhud tad-dawl. It-tema ta' Alla bħala xi ħadd li jibgħat lil xi ħadd ieħor mhijiex ġdida fl-Iskrittura, hekk kif fit-Testment il-Qadim insibu bosta episodji oħra li fihom naqraw kif Alla bagħat lil xi ħadd b'missjoni partikulari.[12] Din it-tema hija ripetuta fi Ġw 3:17 fejn naqraw li Alla bagħat lil Ibnu, filwaqt li fi Ġw 3:34 inkomplu naqraw kif dak li ġie mibgħut jitkellem il-kliem ta' Alla. Fi Ġw 17:3 naqraw ukoll li l-ħajja ta' dejjem hija murija bħala xi ħaġa li turi lil Alla wieħed u veru u lil dak li bagħat, jiġifieri lil Ġesù Kristu. F'dawn it-testi, Alla hu muri bħala xi ħadd li jagħti l-ħajja aktar milli li jiġġudika.

Bejn Kapitli 3 u 17 ta' dan l-istess Evanġelju ninnutaw kif ir-Raba' Evanġelista jbiddel il-lingwaġġ, u minflok ma jikteb li "Alla" bagħat, jippreferi juża l-kelma "il-Missier" li jibgħat.[13] Huwa fi Ġw 5:36-37 li għall-ewwel darba naqraw li hu "il-Missier" bħala dak li jibgħat. Fi Ġw 6:57 Ġesù jkompli jgħid li kien il-Missier li hu ħaj li bagħtu; filwaqt li l-ħajja, ix-xhieda u l-ġudizzju jingħaqdu flimkien fi Ġw 8:12-18 sabiex jenfasizzaw il-verità dwar Ġesù. Fi Ġw 12:49-50 naqraw li l-Missier bagħat lil Ġesù sabiex jitkellem kliem ta' ħajja aktar milli biex jiġġudika, filwaqt li l-kliem li jlissen huwa muri bħala "il-ħajja ta' dejjem." Fi Ġw 14:23-24, ir-Raba' Evanġelista jkompli jfissrilna li l-Missier bagħat lil Ibnu u li Ġesù jitkellem il-kliem tal-Missier. Fl-aħħar, fi Ġw 14:26 naqraw li l-Missier kellu jibgħat il-Paraklitu/id-Defensur sabiex igħin lid-dixxipli jiftakru dawn l-istess kliem.

## Alla li jħobb

It-tieni karatteristika ta' Alla/il-Missier hija bħala xi ħadd li jħobb. Din il-karatteristika żviluppata wkoll matul in-narrativa kollha ta' dan l-Evanġelju, hija introdotta fi Ġw 3:16-17. Hawnhekk naqraw li Alla ħabb lid-dinja u li din l-imħabba hija murija fil-fatt li Alla bagħat lil Ibnu fid-dinja. B'dan il-mod nistgħu nifhmu kif f'dan l-Evanġelju, il-Missier hu muri bħala dak li jħobb. L-oġġett tal-imħabba ta' Alla huwa l-Iben,[14] u dawk li jħobbu lil Iben.[15]

Mela meta nibdew naqraw b'aktar attenzjoni dan l-Evanġelju, nibdew nindunaw li hemm relazzjoni intima bejn "l-Imħabba" u t-tema li "tibgħat." Dan narawh





b'mod speċjali fl-ewwel użu ta' din it-tema fi Ġw 3:16, kif ukoll fi Ġw 17:23 fejn naqraw li "id-dinja" kellha tagħraf l-imħabba tal-Missier. Ir-relazzjonijiet deskritti fin-narrativa bejn il-Missier, l-Iben u dawk li jħobbu lil Iben, huma kkaratterizzati minn din l-imħabba, b'mod partikulari f'Kapitlu 13 sa 17, fejn il-kelma "imħabba" – bil-Grieg: *agape* jew *agapaw* – tissemma bosta drabi. Il-kelma l-oħra bil-Grieg li tintuża għall-"imħabba" hija *phileo*, u tintuża darbtejn biss f'rabta mal-Missier li jħobb. Fi Ġw 5:20, l-oġġett tal-imħabba tal-Missier huma l-Iben, filwaqt li fi Ġw 16:27 l-oġġett ta' din l-imħabba huma dawk li ħabbew u emmnu li Ġesù ġie mingħand il-Missier. Mhux biss mela l-imħabba hija l-kmandament il-ġdid,[16] imma hija l-uniku tweġiba li turi l-aċċettazzjoni kemm tal-Iben kif ukoll tal-Missier.

## Il-Missier li jagħti

It-tielet karatteristika ta' Alla/il-Missier bħala dak li jagħti tippreżenta spektrum aktar wiesgħa fir-rigward ta' dak li huwa jagħti.[17] Bħal fil-każ taż-żewġ karatteristiċi li diġà semmejna, din il-karatteristika wkoll hija introdotta fi Ġw 3:16, fejn naqraw li Alla ta lil Ibnu l-waħdieni – bil-Grieg: *ton hion ton monogene.* Alla huwa kkaratterizzat bħala dak li jagħti meta Marta, oħt Marija u Lazzru, tafferma li Alla ser jagħti lil Ġesù dak li jitlob mingħand il-Missier.[18] Ir-referenzi l-oħra jirrigwardaw dawk l-affarijiet li l-Missier jagħti jew li għandu jagħti.

Dawn ir-referenzi jistgħu jinġabru fi tliet kategoriji. L-ewwel naqraw li l-Missier jagħti kollox lil Ġesù, inkluż li jagħmel ġudizzju, u dak li jitlob f'ismu Alla jagħtihulu.[19] It-tieni, il-Missier jagħti l-ħajja; il-ħajja lil Ġesù, il-kliem tal-ħajja ta' dejjem lil Ġesù, u l-ħobż veru li hu l-ħajja.[20] Fl-aħħar, il-Missier jagħti lil Ġesù dawk kollha li jmorru għandu.[21]

## Alla li jitkellem

L-aħħar karatteristika ta' Alla f'dan l-Evanġelju hija

dik li jitkellem, jikkmanda jew jgħallem. Filwaqt li hemm referenzi speċifiċi għal Alla/il-Missier li jitkellem, ħafna minn dawn ir-referenzi huma ppreżentati mill-perspettiva tat-tielet persuna li jirrapporta dak li Alla/il-Missier qal. Bl-eċċezzjoni ta' darba, f'dawn ir-referenzi, Ġesù hu l-oġġett tal-attività verbali ta' Alla. F'din l-okkażjoni naqraw kif il-folla tafferma li Alla kellem lil Mosè.[22] F'erba' okkażjonijiet differenti, Ġesù jirrapporta lil dawk li kienu jisimgħuh li dak li jgħid kien ġej minn Alla/il-Missier.[23] Il-folla tistagħġeb għat-tagħlim ta' Ġesù hekk kif huwa jispjegalhom ukoll li t-tagħlim tiegħu kien ġej mingħand Alla.[24] Din hija l-istess stqarrija li jagħmel Nikodemu lil Ġesù fi Ġw 3:1-2.

Fiċ-ċirkustanza unika li timplika kif Alla fil-fatt kien qed jitkellem, l-Evanġelista jirreferi għal leħen ta' Alla li nstema' mis-sema biex jigglorifka lil Ibnu bħala tweġiba għat-talba ta' Ġesù.[25]

## Alla fit-Talba Saċerdotali

Interessanti li dawn l-erba' karatteristiċi ta' Alla li tkellimna fuqhom insibuhom ukoll fit-talba ta' Ġesù fi Ġw 17. Hawnhekk insibu diversi stqarrijiet fuq Alla/il-Missier,i hekk kif l-karatteristika tal-Missier li jibgħat hija identifikata sitt darbiet.[26] It-tieni karatteristika ta' Alla bħala dak li jħobb insibuha fl-aħħar.[27] Kull darba hawnhekk naqraw li l-oġġett tal-imħabba ta' Alla huwa l-Iben, għalkemm din l-imħabba mhijiex limitata għal relazzjoni singulari tal-Missier mal-Iben, imma tinkorpora fiha lil dawk li jafu li l-Missier bagħat lil Ibnu. It-tielet karatteristika tal-Missier bħala dak li jagħti hija preżenti 9 darbiet.[28] Fost l-affarijiet li jagħti l-Missier hemm l-awtorità/is-setgħa;[29] il-ħajja ta' dejjem;[30] il-ħidma/ix-xogħol;[31] kollox;[32] il-bnedmin;[33] ismu;[34] u l-glorja.[35] L-aħħar karatteristika ta' Alla/il-Missier li jitkellem hija preżenti fil-versi 6, 8, 14 u 17 fil-forma ta' kliem mingħand Alla.

## Konklużjoni

Il-karattru ta' Alla kif muri fir-Raba' Evanġelju isaħħaħ l-għan li għalih inkiteb dan l-Evanġelju mfisser fi Ġw 20:31. Hawn naqraw li Ġesù hu l-Messija, l-Iben ta' Alla u biex bit-twemmin tagħna fih ikollna l-ħajja ta' dejjem. Li Alla jibgħat u jagħti huma temi kritiċi biex nifhmu lil Alla bħala l-għejun ta' kollox u bħala dak li jipprovdi l-ħajja. Il-karattru ta' Alla f'dan l-Evanġelju mela jservi biex jawtentika lil Ġesu hu tassew il-Mibgħut u l-Iben tiegħu li ġie fid-dinja biex jagħti l-ħajja lil dawk kollha li jemmnu fih.

## Referenzi


1 Ara Ġw 20:30-31. Dwar l-għan li għalih inkiteb dan l-Evanġelju ara, D.A. Carson, "The Purpose of the Fourth Gospel: John 20:31 Reconsidered," Journal of Biblical Literature 106 (1987): 639-651.

2 Ara Ġw 3:16-17.

3 Dwar dan il-punt ara l-istudji ta' Marianne Meye Thompson, "'God's Voice You Have Never Heard, God's From You Have Never Seen': Characterization of God in the Gospel of John," Semeia 63 (1993): 177-204; Paul W. Meyer, "'The Father': The Presentation of God in the Fourth Gospel," f'Exploring the Gospel of John, eds. R. Alan Culpepper u C. Clifton Black (Louisville: Westminster John Knox, 1996), 255-273; D. François Tolmie, "The Characterization of God in the Fourth Gospel," Journal for the Study of the New Testament 68 (1997): 57-75.

4 Ara pereżempju, Ġw 1:6; 3:16-17.34; 5:36-37; 6:57; 8:16-18; 10:36; 12:49; 14:24.26; 17:3; 20:21.

5 Ara pereżempju, Ġw 3:16.35; 5:20; 10:17;14:21; 15:9; 16:27.

6 Ara pereżempju, Ġw 3:35; 5:36; 10:29; 11:22; 13:3.

7 Ara pereżempju, Ġw 8:28; 9:29; 12:50; 14:31.

8 Ara Ġw 4:24.

9 Ara Ġw 4:23.

10 Ara Ġw 6:44.

11 Ara Ġw 10:36.

12 Ara pereżempju, 2 Kron 32:21; Żakk 6:15; Bar 1:21.

13 Ara pereżempju, Ġw 5:36-37; 6:57; 8:16-18; 10:36; 12:49; 14:24.26.

14 Ara Ġw 3:35; 5:20; 10:17; 15:9.

15 Ara Ġw 14:21.23; 16:27.

16 Ara Ġw 13:34.

17 Ara pereżempju, Ġw 3:16.35; 5:22.26.36; 6:32; 10:29; 11:22; 12:49; 13:3; 14:16; 15:16; 16:23; 17:11.24; 18:11.

18 Ara Ġw 11:22.

19 "Kollox" (Ġw 3:35 u 13:3); "il-ġudizzju" (Ġw 5:22); dak kollu li jitolbu (Ġw 15:16 u 16:23).

20 "Il-ħajja" (Ġw 5:26); "għemejjel ta' ħajja" (Ġw 5:36); "il-ħobż veru" (Ġw 6:32).

21 Ara Ġw 6:37. 65; 10:29 u 17:24.

22 Ara Ġw 9:29.

23 Ara Ġw 8:28.40; 12:50; 14:31.

24 Ara Ġw 7:17.

25 Ara Ġw 12:28.

26 Ara Ġw 17:3.8.18.21.23.25.

27 Ara Ġw 17:23.24.26.

28 Ġw 17:2.4.6.7.9.11.12.22.24.

29 Ara Ġw 17:2.

30 Ara Ġw 17:2.

31 Ara Ġw 17:4.

32 Ara Ġw 17:7.

33 Ara Ġw 17:6.

34 Ara Ġw 17:11.12.

35 Ara Ġw 17:1.5.22.24.

ĠEDDED L-ABBONAMENT TIEGĦEK

# L-ART Imqaddsa
RIVISTA BIBLIKA




## ABBONAMENT:
€10 fis-sena
€15 jew aktar Sostenitur

TOĦROĠ KULL 3 XHUR

**Kummissarjat tal-Art Imqaddsa**
8, Triq Santa Luċija,
Valletta, VLT 1213
Malta
Tel: 2124 2254
E-mail: comalt@ofm.org.mt
www.ofm.org.mt

*Jekk irċevejt ir-Rivista b'xejn għaliex ġejt l-Art Imqaddsa mal-Franġiskani, ħallas l-abbonament biex tkompli tirċiviha.*

## TIĠDID L-ART IMQADDSA 2024

Kunjom ____________________

Isem ____________________

Indirizz ____________________

____________________

____________________

Kodiċi Postali ____________________

Qed nibgħat € ____________
bħal abbonament għall-2024



**Ikteb jew ċempel:**
**Kummissarjat tal-Art Imqaddsa**

8, Triq Santa Luċija,
Valletta VLT 1213, Malta
Tel: 2124 2254
E-mail: comalt@ofm.org.mt
www.ofm.org.mt

*Is-Santwarju ta' Stella Maris - Ritratt: Andre Mangion*